Vol 33
Nru 176
April - Ġunju 2012

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2012

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Fortizza ta' Makeronte*

# Werrej



15



19



23



28


6 Fortizzi Erodjani fid-Deżert: Makeronte fil-Ġordanja

15 It-Tagħlim ta' San Pawl dwar l-imħabba vera

19 Kif Kristu sar il-Qassis il-Kbir (2)

23 It-Talb u l-Kelma ta' Alla fl-eżortazzjoni appostolika Verbun Domini

28 Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Mattew N. 2

35 Żakkew – Il-maħfra qabel l-Istqarrija

42 *Dominus Flevit* Il-Post fejn Ġesù beka fuq Ġerusalemm




35

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Kummissarji tal-Art Imqaddsa jiltaqgħu f'Ġerusalem

Bejn it-30 ta' Jannar u l-4 ta' Frar li għadda jiena ħadt sehem fit-Tielet Kungress Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa, li sar fil-kunvent ta' San Salvatur, Ġerusalemm. Dan il-Kungress qiegħed isir regolarment darba kull sitt snin, bl-iskop li l-Kummissarji tal-Art Imqaddsa mid-dinja kollha jiltaqgħu flimkien u jiddiskutu temi li huma ta' interess għalihom fil-ħidma tagħhom favur il-missjoni tal-Art Imqaddsa. Naturalment il-Kungress kien ukoll okkażjoni biex jiltaqgħu personalment mal-Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa u mal-Patrijiet Franġiskani li jgħixu f'Ġerusalemm u fid-diversi Santwarji tal-Fidwa.

Għall-Kungress ġie mistieden ukoll il-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan, Patri José Rodriguez Carballo ofm, li tkellem dwar l-importanza tal-ħidma tagħna l-Kummissarji u wera kemm għandu għal qalbu l-missjoni tal-Art Imqaddsa, li hi l-ġawhra tal-missjonijiet tal-Ordni Franġiskan. Il-preżenza tiegħu mlietna bil-kuraġġ li l-Ordni jimpenja ruħu biex il-missjoni tal-Art Imqaddsa tkun aktar magħrufa, u biex jiġu aktar Patrijiet Franġiskani bħala missjunarji fid-diversi santwarji.

L-iskop prinċipali tal-Kungress kien li aħna l-Kummissarji nfasslu flimkien xi linji direttivi, li sejjaħnilhom *vademecum*, biex jgħinuna fil-ħidma tagħna ta' promozzjoni b'riżq l-Art Imqaddsa. Hu importanti li l-ħidma tagħna tkun ikkoordinata, kemm għaliex illum hu aktar faċli li jseħħ dan bil-

*...editorjal*

*Kummissarji tal-Art Imqaddsa jiltaqgħu f'Ġerusalem*



mezzi ta' komunikazzjoni, kif ukoll għaliex il-preżenza ta' Kummissarjati tal-Art Imqaddsa fl-Ordni qiegħda tonqos. Hemm żoni fejn provinċji jingħaqdu flimkien jew fejn hemm nuqqas kbir ta' vokazzjonijiet, u għalhekk mhux dejjem hemm il-preżenza ta' Kummissarju. Dan joħloq vojt kbir, għaliex hemm pajjiżi li fihom ma hemmx possibilità li ssir promozzjoni favur l-Art Imqaddsa, jew jiġu organizzati pellegrinaġġi.

Tema oħra importanti li ġiet diskussa kellha x'taqsam mal-ġabra annwali li ssir b'riżq il-missjoni tal-Art Imqaddsa fid-djoċesijiet kollha tad-dinja. Hi l-ġabra magħrufa bħala "tal-Ġimgħa l-Kbira", li f'Malta nafuha aħjar bħala "tal-Qabar ta' Kristu". Sa ftit tas-snin ilu kienu l-Kummissarji li kienu jorganizzaw il-ġabra u jibagħtu l-offerti fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa, biex bihom jinżammu s-santwarji, l-iskejjel, il-kunventi, l-istituzzjonijiet akkademiċi u dawk karitattivi li l-Kustodja tmexxi fil-parroċċi. Imma f'dawn l-aħħar snin, f'xi pajjiżi fejn ma hemmx Kummissarji, il-ġabra tiġi organizzata mid-djoċesi, u mhux dejjem ikun hemm għarfien sħiħ dwar l-iskop tagħha. Għall-grazzja ta' Alla aħna f'Malta għadna norganizzaw il-ġabra u attivitajiet oħrajn favur l-Art Imqaddsa bir-responsabiltà diretta tal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa, u b'kollaborazzjoni tajba ħafna mal-Knisja lokali u mal-isqfijiet tagħna, li anzi jinkuraġġuna fil-ħidma tagħna u jakkumpanjaw ukoll pellegrinaġġi djoċesani fl-Art Imqaddsa.

Matul il-Kungress kellna x-xorti li nsiru nafu aħjar l-attivitajiet tal-Kustodja. Rajna b'għajnejna x-xogħol ta' manutensjoni intensiva li sar fil-kunvent ta' San Salvatur, fil-kurja kustodjali, l-infermerija fejn huma irtirati l-patrijiet anzjani u morda, u fil-biblijoteka l-ġdida. Rajna x-xogħol ta' manutensjoni li sar fil-kunvent ta' Betfaġe u l-bini ta' bosta appartamenti għall-koppji u familji insara ta' Ġerusalemm. Kellna laqgħat mal-professuri u arkeoloġi tal-iStudium Biblicum Franciscanum, li organizzaw għalina anke xi ħarġiet f'siti arkeoloġiċi tal-Kustodja.

Naturalment ma naqsux il-mumenti ta' talb liturġiku fis-santwarji. L-aktar mument importanti kien

ċertament il-quddiesa li ċċelebrajna fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, kif ukoll is-sehem tagħna fil-Via Crucis tal-Ġimgħa wara nofsinhar fit-toroq ta' Ġerusalemm. Kellna quddies li kien iċċelebrat mill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Mons. Fuoad Twal, u min-Nunzju u Delegat Apostoliku, Mons. Antonio Franco, li tkellmu dwar ir-rwol importanti tal-Franġiskani fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'relazzjoni mal-Knisja lokali kif ukoll fid-djalogu ekumeniku mal-Knejjes l-oħrajn insara li huma preżenti.

Għalija l-aktar mumenti sbieħ kienu dawk li fihom aħna l-Kummissarji konna ngħixu flimkien mal-patrijiet fil-kunvent ta' San Salvatur, partikularment il-ħinijiet tal-ikel flimkien u tar-rikreazzjoni fid-divan tal-kunvent. L-ospitalità tal-patrijiet fil-kunvent ta' San Salvatur hi magħrufa minna l-Kummissarji li ta' spiss ngħaddu f'dan iċ-ċentru tal-ħidma kollha tal-Kustodja.

Proprju f'dawn l-aħħar ġimgħat irċevejna l-aħbar tan-niket tal-mewt ta' wieħed mill-aktar patrijiet magħrufa fil-kunvent ta' San Salvatur, Fra Ovidio Dueñas ofm, li miet fl-14 ta' Marzu fl-età ta' 71 sena. Fra Ovidio kien responsabbli għal aktar minn 30 sena mill-ħanut tal-oġġetti sagri fl-istess kunvent ta' San Salvatur. Fra Ovidio, li kien Spanjol, kien bniedem li jafuh il-Kummissarji kollha. Iddedika ħajtu għas-servizz tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, l-ewwel bħala fra lajk fil-kċina ta' San Salvatur u mbagħad bħala responsabbli tal-oġġetti reliġjużi. Fil-ħanut tiegħu aħna l-Kummissarji u l-pellegrini ma konniex immorru biss biex nixtru ikoni, slaleb, kuruni tal-madreperla, Bambini tal-Milied, xemgħa, u elf ħaġa oħra. Mhux l-ewwel darba li Fra Ovidio kien jirregalalna b'xejn tant oġġetti b'qalb ġeneruża. Imma l-waqfa għand Fra Ovidio kienet tfisser ukoll mument ta' fraternità, li fih dejjem kien joffrilna ikel u xorb filwaqt li jitlobna informazzjoni dwar il-pellegrini tagħna li bosta minnhom kien jafhom.

Fra Ovidio kien jinżel ta' kuljum fl-4.30 ta' filgħodu għall-ewwel quddiesa fil-Qabar ta' Kristu. Kien ikun preżenti għall-okkażjonijiet liturġiċi kollha tal-Kustodja fid-diversi festi tas-Santwarji, u kellu għarfien tajjeb ħafna tal-użanzi taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kustodja. Kien bniedem li ħabb il-Kustodja u l-missjoni tal-Art Imqaddsa. Permezz tar-Rivista tagħna nixtiequ nfakkru lil dan il-fra sempliċi imma verament Franġiskan li jibqa' għalina lkoll ta' ispirazzjoni fil-ħidma tagħna biex il-Kustodja tal-Art Imqaddsa tkun magħrufa u maħbuba minna l-patrijiet u mill-pellegrini u l-ħbieb ta' din il-missjoni qaddisa.



# FORTIZZI ERODJANI FID-DEŻERT: MAKERONTE FIL-ĠORDANJA

*Noel Muscat ofm*

Ir-re Erodi l-Kbir (74 q.K. – 4 w.K.) kien ċertament tirann krudil, imma baqa' magħruf għall-proġetti grandjużi ta' monumenti li bena. Hu reġa' bena t-Tempju ta' Ġerusalemm fuq skala aktar majestuża fis-snin 20-19 q.K., u l-bini tal-btieħi u l-portiċi kompla matul kważi nofs seklu (cfr. Ġw 2,20). Hu bena palazz mill-isbaħ fit-Torri ta' David jew iċ-Ċittadella, fuq

ix-xaqliba tal-punent ta' Ġerusalemm, u l-fdalijiet tat-tliet torrijiet kbar iddedikati għal ħuh Phasael, għal martu Mariamme u għal ħabibu Hyppicus wieħed għadu jista' jammirahom sallum fil-foss li hemm fl-istess Ċittadella maġenb il-Bieb ta' Ġaffa. Erodi bena wkoll port artifiċjali mill-isbaħ fit-Torri ta' Straton fuq il-kosta tal-Mediterran, u semma' dan il-port Ċesarija Marittima.

Billi Erodi kien mill-Idumija, hu kien imdorri jgħix fid-deżert, u jidher li kien jippreferi d-deżert tal-Lhudija, Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet. Hu qatta' l-aħħar perjodu ta' ħajtu fin-nixxigħat termali ta' Kallirohe fuq ix-xaqliba tal-Ġordanja tal-Baħar il-Mejjet. L-istoriku Lhudi tal-qedem, Josephus Flavius, li kiteb ħafna dwar Erodi partikolarment fil-*De Bello Judaico* (*Il-Gwerra Lhudija*), jgħidilna li Erodi "qasam in-naħa l-oħra tal-Ġordan u mar fin-nixxigħat sħan ta' Kallirohe, li jinżlu fl-għadira ta' Asphaltitis." Erodi bena wkoll palazzi-fortizzi kbar fid-deżert, inklużi l-Herodion, ftit kilometri barra minn Betleħem, il-fortizza ta' Masada fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet, il-fortizza ta' Alexandreion fil-Wied tax-xmara Ġordan, u l-fortizza ta' Makeronte (Machaerus) fuq l-altipjan tad-deżert tal-Ġordanja, faċċata ta' Għajn Gedi, fuq xifer ta' għolja bejn Wadi Zerqa Ma'in lejn it-tramuntana u Wadi Heidan Mujib lejn in-nofsinhar. Wara li miet fil-belt ta' Ġeriko, fejn kien bena wkoll palazz manjifiku, Erodi ndifen fil-livell ta' isfel tal-fortizza ta' Herodion. Fl-2007 l-arkeologu Israeljan Netzer, li sadanittant miet, flimkien ma' grupp ta' arkeoloġi mill-Università Ebrajka, ħabbar li kienu sab sarkofagu fl-Herodion, li identifika bħala l-qabar ta' Erodi, skont id-deskrizzjoni li jagħti Josephus Flavius.

Fiż-żjarat virtwali tagħna ta' dawn il-fortizzi Erodjani fid-deżert sejrin nibdew bil-fortizza ta' Makeronte fil-Ġordanja, li hi assoċjata ma' rakkont importanti tal-Vanġeli, jiġifieri l-martirju ta' Ġwanni l-Battista minn Erodi Antipa, iben Erodi l-Kbir.

L-isem tal-fortizza bl-Għarbi llum hu Mukawir. Hi għolja forma ta' lembut maqlub, bħal ħafna mill-fortizzi Erodjani fid-deżert, u tinsab xi 20 kilometru lejn il-lbiċ ta' Madaba, fuq it-Triq tas-Salten. Dan il-promontorju jinsab xi 720 metru fuq il-livell tal-baħar. Hu jħares fuq il-Baħar il-Mejjet, u mill-quċċata wieħed jilmaħ dehra stupenda tax-xaqliba tal-punent tal-Baħar il-Mejjet, partikolarment l-oasi ta' Għajn Gedi. Fi ġranet ċari wieħed jista' jilmaħ fil-bogħod il-fortizza ta' Masada u dik ta' Herodion.

L-eqdem tifkiriet ta' din il-fortizza fid-deżert imorru lura lejn żmien l-Asmonej. L-ewwel fortizza nbniet minn Alessandru Jannaeus (103 – 76 q.K.) bl-iskop li jiddefendi r-reġjun kontra n-Nabatej. Josephus Flavius jikteb: "Meta hu qies il-karatteristiċi ta' dan il-post, is-sultan tal-Lhud Alessandru kien l-ewwel wieħed li bena fortizza f'dan il-post" (*Gwerra tal-Lhud*, 7.6). Is-sena tal-bini tal-fortizza x'aktarx kienet is-sena 90 q.K. Meta Gabinius, li kien irċieva l-ordnijiet tal-ġeneral Ruman Pompeus, attakka l-fortizza fis-sena 57 q.K., hu qeridha għal kollox. Sena wara, 56 q.K. il-qassis il-kbir Aristobulus II mar jiskenn Makeronte, wara li kien ħarab minn Ruma. Hu l-ewwel kien okkupa l-Alexandreion, imma meta ġie attakkat minn Gabinius iddeċieda li jirtira Makeronte. Kien akkumpanjat minn ħafna ribelli Lhud. Il-fortizza imma reġgħet ġiet attakkata mir-Rumani u hekk din il-preżenza tal-Asmonej fuq il-muntanja spiċċat f'banju ta' dmija.

Erodi l-Kbir kien konxju mill-importanza strateġika tax-xaqliba tal-lvant tal-Baħar il-Mejjet, u għaldaqstant reġa' bena Makeronte bħala fortizza u palazz tiegħu fis-snin 37-34 q.K. Skont Josephus Flavius, Erodi bena ħajt b'saħħtu madwar il-quċċata tal-promontorju, kif ukoll torrijiet b'saħħithom fuq l-erbat itruf, eżattament kif

kien għamel fl-Herodion. Fiċ-ċentru tal-għolja forma ta' imbut, li hu ċatt, hu bena l-palazz tiegħu. Il-fdalijiet ta' torri u tal-palazz għadhom jidhru sallum.

"Meta sar sultan, Erodi ħaseb li dak il-post kien jixraqlu l-akbar attenzjoni biex hemm hu jibni fortizza, l-aktar għaliex dak il-post kien qrib l-Għarab u kien jinsab f'pożizzjoni eċċellenti qrib is-saltna tiegħu. Hu għaldaqstant dawwar il-muntanja bi swar u torrijiet, bena belt taħtha, li minnha kienet titla' triq lejn il-quċċata tal-muntanja. Hu bena wkoll swar b'saħħithom madwar il-quċċata kif ukoll torrijiet li kienu sittin kubit għoljin. Fiċ-ċentru tal-ħitan Erodi bena palazz mill-isbaħ, li kellu swali kbar u kwartieri għall-abitazzjoni. Hu ħaffer ukoll bosta bjar f'postijiet tajbin biex fihom jiġbor l-ilma tax-xita ħalli jqassmu bl-abbundanza, b'tali mod li donnu ried jisfida n-natura u jiggarantixxi li l-fortifikazzjonijiet tiegħu ma jkunux jistgħu jintrebħu mill-għedewwa" (*Gwerra Lhudija*, 6.2).

## Makeronte u l-martirju ta' Ġwanni l-Battista

Kien Erodi Antipa (20 q.K. – 39 w.K.), iben Erodi l-Kbir, li qafel fil-ħabs lil Ġwanni l-Battista fil-fortizza ta' Makeronte. Antipa kien iżżewweġ lill-prinċipessa tan-Nabatej, imma mbagħad iddivorzjaha biex iżżewweġ



*Fdalijiet tat-Triclinium*

lil Erodja, li kienet mart ħuh Filippu. Skont ir-rakkont tal-Vanġelu skont San Mark 6,14-29, kien Erodi Antipa li qafel fil-ħabs lil Ġwanni l-Battista u qatlu waqt ikla minħabba l-mibegħda ta' Erodja, li talbet ras Ġwanni fi platt wara li bintha Salome daħlet tiżfen quddiem Erodi u l-mistednin tiegħu. Skont Josephus Flavius kien f'Makeronte li Ġwanni ġie maqful fil-ħabs u martirizzat minn Erodi Antipa fis-sena 28 w.K. Dan hu r-rakkont fl-opra *Antiktajiet tal-Lhud* tal-istess Josephus:

"Xi wħud mil-Lhud ħasbu li l-qerda tal-armata ta' Erodi kienet kastig ta' Alla, li sar b'ġustizzja, bħala ħlas għal dak li Erodi kien għamel kontra Ġwanni li kien magħruf bħala l-Battista: fil-fatt Erodi kien qatlu, għalkemm Ġwanni kien raġel ġust, u kien ikkmanda lil-Lhud biex jeżerċitaw il-virtujiet, kemm bħala tjubija wieħed lejn l-ieħor, kif ukoll il-qima lejn Alla, u kien jistedinhom jersqu għall-magħmudija. Kien jgħid li dak il-ħasil (bl-ilma) kien jiġi aċċettat minn Alla, jekk huma kienu jagħmlu użu minnu, mhux biss biex iwarrbu minnhom xi wħud mid-dnubiet, imma wkoll għall-purifikazzjoni tal-ġisem;



għax kellhom iqisu li r-ruħ kienet tkun imnaddfa b'mod sħiħ minn qabel minħabba ħajja ta' tjieba. Issa meta bosta oħrajn kienu resqu f'folol għand Ġwanni, għax kienu jitqanqlu ħafna meta kienu jisimgħuh jitkellem, Erodi, li kien jibża li l-influwenza li kellu Ġwanni fuq in-nies setgħet twassal biex il-folol juru qawwa u jiġu mħeġġin biex jirvillaw kontrih (għax huma kienu donnhom lesti li jagħmlu dak kollu li Ġwanni kien iwissihom biex jagħmlu), ħaseb li l-aħjar ħaġa kienet tkun li joqtol lil Ġwanni, biex jevita kull inkwiet li jista' jinqala', u hekk hu kien jeħles lilu nnifsu mid-diffikultà li jeħles lil dan il-bniedem li kien jista' jġiegħlu jindem qabel ma jkun tard wisq. Għaldaqstant, minħabba l-karattru suspettuż ta' Erodi, Ġwanni ntbagħat Makeronte, fil-kastell li jiena semmejt, u hemmhekk ġie maqtul. Issa l-Lhud kienu tal-fehma li l-qerda tal-armata ta' Erodi kienet kastig fuqu minn Alla, li b'hekk ried jurih li ma ħax pjaċir b'dak li kien wettaq" (Joseph Flavius, *Antikitajiet tal-Lhud*, Ktieb 18, kap. 5,2).

L-aktar rakkont dettaljat dwar il-martirju ta' Ġwanni l-Battista nsibuh f'Mark 6:14-29:

"Is-sultan Erodi sama' b'Ġesù, għax ismu kien sar magħruf, u xi wħud bdew jgħidu: 'Ġwanni l-Battista qam mill-imwiet; minħabba f'hekk li s-setgħat tal-mirakli qegħdin jaħdmu fih.' Imma oħrajn bdew jgħidu: 'Dan Elija.' U oħrajn: 'Profeta, bħal wieħed mill-profeti l-oħra.' Iżda Erodi, meta sama' bih, qal: 'Ġwanni l-Battista, li jien qtajtlu rasu, hu qam mill-mewt.'

Għax kien Erodi stess li bagħat jarresta lil Ġwanni u qaflu fil-ħabs minħabba Erodja, mart ħuh Filippu, billi kien iżżewwiġha hu. Għax Ġwanni lil Erodi kien jgħidlu: 'Ma tistax iżżommha int il-mara ta' ħuk.' Għalhekk Erodja saret tobogħdu u kienet trid toqtlu, imma ma kinitx tista', għax Erodi, li kien jaf x'raġel tajjeb u qaddis kien Ġwanni, kien jibża' minnu; u kien iħarsu mill-għawġ, u kien iħobb joqgħod jisimgħu, għad li kien jibqa' mħasseb ħafna wara li jisimgħu.

Mela wasal jum tajjeb, meta Erodi għalaq sninu u għamel ikla lill-kbarat tiegħu, lill-fizzjali l-għolja u lill-aqwa nies tal-Galilija. Bint Erodja daħlet tiżfen, u għoġbot lil Erodi u lill-mistednin tiegħu. Is-sultan qal lit-tfajla: 'Itlobni kull ma trid, u jien nagħtik kull ma titlobni.' U qalilha u ħalfilha: 'Titlobni x'titlobni kollox nagħtik, mqar nofs is-saltna tiegħi.' Dik ħarġet u marret tistaqsi lil ommha: 'Tgħid x'nitolbu?' 'Ras Ġwanni l-Battista,' weġbitha dik. Malajr reġgħet daħlet tgħaġġel quddiem is-sultan, talbitu u qaltlu: 'Irridek issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt.' Tnikket għall-aħħar is-sultan, iżda minħabba l-ġurament u l-mistednin ma riedx jerġa' lura mill-kelma li taha. Malajr is-sultan bagħat suldat minn ta' madwaru u ordnalu li jġiblu rasu. Dak mar u qatagħlu rasu fil-ħabs; mbagħad ġiebha fuq platt u taha lit-tfajla, u t-tfajla marret tatha lil ommha. Meta

d-dixxipli tiegħu semgħu b'dan, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh ġo qabar."

Il-Vanġelu ma jsemmix il-fortizza ta' Makeronte bħala l-post li fih Ġwanni sofra l-martirju, imma x-xhieda ta' Josephus Flavius li semmejna qabel hi prova li din il-ġrajja seħħet proprju f'din il-fortizza tad-deżert. L-iskavi kixfu l-post fejn kien jinsab it-*triclinium*, jew sala tal-pranzijiet, u fejn x'aktarx seħħet il-ġrajja li jirrakkonta Mark fil-Vanġelu tiegħu.

Meta r-re Erodi Agrippa I (41 – 44 w.K.) miet il-fortizza waqgħet f'idejn l-amministrazzjoni tal-Prefett Ruman tal-Lhudija. Matul l-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani, fis-sena 66 w.K., il-fortizza ġiet okkupata mir-ribelli, li damu jżommuha sas-sena 72 w.K., meta sfat kompletament meqruda mil-Leġjuni Rumani taħt il-kmand ta' Lucilius Bassus. Minn dak il-waqt il-fortizza ta' Makeronte sfat abbandunata għal sekli sħaħ. Fi żmien il-ħakma Biżantina tal-Art Imqaddsa jissemma r-raħal ta' Machaberos f'dawn l-inħawi.

## Żjara lis-sit arkeoloġiku ta' Makeronte

Il-fortizza ta' Makeronte hi mibnija fuq xifer ta' għolja magħrufa bl-Għarbi bl-isem ta' Qal'at al-Mishnaqa, bejn Wadi Zerqa Ma'in u Wadi Heidan Mujib (il-ħondoq fuq ix-xmara Arnon) fir-Renju Ħaxemita tal-Ġordanja. Kien U. Seetzen li skopra l-isem Mukawir fl-1807 u hekk irnexxielu jidentifikah bħala li jirreferi għall-fortizza ta' Makeronte. Fil-fatt il-fortizza kienet tikkonsisti fil-kastell veru u proprju, li kien jinsab fil-quċċata tal-għolja forma ta' lembut maqlub, fejn kien hemm ukoll il-palazz irjali, u fil-belt li kienet tinfirex taħt l-għolja. Hemm ukoll il-fdalijiet ta' rampa ta' assedju, li kienet inbniet mil-Leġjuni Rumani meta attakkaw ir-ribelli Lhud li kienu maqfulin fil-fortizza. Ir-rampa fil-fatt qatt ma ntużat, mhux bħal fil-każ ta' Masada, għax ir-ribelli ċedew lir-Rumani li qerdu l-kumpless tal-fortifikazzjonijiet. G.



*Dehra tal-Herodion*

Ricciotti identifika l-kamp Ruman fuq ix-xaqliba tal-majjistral tal-muntanja fl-1936, filwaqt li A. Strobel studja r-rampa tal-assedju Rumana fl-1973.

Imma kienu l-arkeoloġi Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm li kellhom il-mertu u l-unur li jiskavaw il-fdalijiet tal-fortizza ta' Makeronte, l-istess kif diġà kienu għamlu fil-każ tal-fortizza tal-Herodion barra Betleħem. L-ewwel tentattivi ta' skavi kienu saru minn J. Vardaman fl-1968, imma l-aktar skavi importanti tmexxew minn Patri Virgilio Corbo ofm mill-1978 sal-1981, li ħadem flimkien ma' Patri Stanislao Loffreda ofm u Patri Michele Piccirillo ofm, bl-għajnuna ta' Patri Tomislav Vuk ofm u Patri Eugenio Alliata ofm. Wara dawn is-snin l-iskavi tkomplew mill-Ministeru tal-Antikitajiet tar-Renju tal-Ġordanja fl-1992-1993.

It-triq li twassal għall-fortizza hi wieqfa ħafna, u mill-ewwel tagħti l-impressjoni ta' kemm din il-fortizza kienet mibnija b'mod li ma tkunx tista' tintrebaħ faċilment. Il-quċċata tal-għolja mhijiex kbira ħafna, bħal fil-każ ta' Herodion u Alexandreion, mhux bħal fil-każ ta' Masada, li hi ħafna ikbar. L-ispazju jindika li din kienet fortizza magħluqa fil-ħitan u fin-nofs tagħha kien jinsab il-palazz ta' Erodi. Tlieta mill-erba' torrijiet oriġinali għadhom jidhru mhux ħażin. Il-palazz Erodjan kien maqsum f'żewġ partijiet, li kienu mifrudin minn triq pavimentata f'direzzjoni mit-tramuntana għan-nofsinhar. Fuq ix-xaqliba tal-lvant wieħed isib il-fdalijiet ta' bitħa pavimentata, flimkien ma' ċisterna u banjijiet termali, li kienu komuni fil-fortizzi Erodjani kollha fid-deżert, bl-ambjenti tipiċi



*Pożizzjoni strateġika ta' Makeronte*

tal-*caldarium, tiepidarium* u *frigidarium*. Il-muntanja nfisha tinkludi sistema elaborata ta' ġwiebi tal-ilma, bħal fil-każ ta' Herodion u Masada, billi l-ilma kien kommodità prezzjuża fil-klima tad-deżert, u l-ilma tax-xita li tinżel rarament f'dawn l-inħawi irid jinġabar malajr kemm jista' jkun b'tali mod li jimtlew il-ġwiebi ħalli jkun hemm ilma biżżejjed matul perjodi twal ta' nixfa. Fuq ix-xaqliba tal-punent tal-fortizza hemm il-fdalijiet ta' ġiebja oħra, li fuqha jinsab il-*peristylium* (bitħa miftuħa fil-palazz, imdawra bil-kolonni). Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-bitħa hemm il-fdalijiet ta' dak li l-arkeoloġi Franġiskani indikaw bħala t-*triclinium*, jew is-sala tal-pranzijiet. Dan l-ambjent jikkonsisti f'żewġ swali waħda tmiss mal-oħra, mifrudin minn ħajt. Il-fdalijiet tal-bażijiet tal-kolonni u l-kapitelli li nstabu fil-ġiebja huma prova li din iż-żona kienet imżejna b'mod elaborat, u li kienet isservi għat-trattamenti uffiċjali tal-palazz.

Ma għandniex provi eżatti dwar fejn il-ġrajjiet tal-martirju ta' Ġwanni seħħew eżattament. Dak li nafu hu li, jekk kif jistqarr Corbo, it-*triclinium* instab verament, allura dak kellu jkun il-post li fih seħħet il-ġrajja tal-Vanġelu. Din is-sala doppja tal-pranzijiet jew *triclinium*, mifruda minn ħajt, kienet il-post li fih Erodi u l-mistednin tiegħu kienu jieklu. Jidher li Erodja u n-nisa l-oħrajn kienu qegħdin jieklu fis-sala l-oħra, li kienet tmiss mat-*triclinium* li fih kien hemm



is-sultan u l-mistednin irġiel. Ir-rakkont tal-Vanġelu jindika dan id-dettall interessanti, għaliex Mark jikteb: "Bint Erodja daħlet tiżfen, u għoġbot lil Erodi u lill-mistednin tiegħu" (Mk 6,22). Imbagħad jinnota li: "Dik ħarġet u marret tistaqsi lil ommha: 'Tgħid x'nitolbu?' 'Ras Ġwanni l-Battista,' weġbitha dik. Malajr reġgħet daħlet tgħaġġel quddiem is-sultan, talbitu u qaltlu" (Mk 6,24-25). Dan kollu jindika moviment tat-tfajla li tidħol fis-sala tal-pranzu tal-irġiel u toħroġ minnha biex tmur għand ommha fis-sala tal-pranzu tan-nisa, u bil-maqlub. Meta wieħed jieqaf f'din iż-żona tal-fortizza u jaqra r-rakkont tal-Vanġelu skont Mark dwar il-martirju ta' Ġwanni l-Battista, jinnota kemm ir-rakkont isir ħaj. Sfortunatament għadna ma għandna l-ebda ħjiel dwar fejn seta' kien jinsab il-ħabs, imma ċertament dan kien jinsab taħt l-art fil-qalba tal-muntanja taħt l-istess fortizza tad-deżert.

Fdalijiet arkeoloġiċi oħrajn fil-fortizza huma datati aktar tard minn dawk li kien bena Erodi, u huma x'aktarx bini li kien sar mir-ribelli Lhud li kienu sabu kenn fil-ħitan tal-fortizza fis-sena 66 w.K. Fil-fatt is-sur li jdawwar il-fortizza, li minn fuqu wieħed jilmaħ dehra stupenda tal-Baħar il-Mejjet, juri wkoll fdalijiet ta' ħajt ieħor mibni għad-difiża, li ma jikkorrispondix fil-linji tiegħu mas-swar oriġinali tal-fortizza. Anke l-ġebel li intuża biex inbena dan il-ħajt hu differenti, u jutilizza materjal li kien diġà fil-post. Instabu wkoll fdalijiet ta' fran, li jindikaw l-użu li r-ribelli Lhud kienu għamlu mill-fortizza ta' Makeronte sakemm damu jżommuha biex jinħbew fiha. Wara li r-Rumani qerduha għal kollox Makeronte ntesiet għal sekli sħaħ, sakemm fi żmienna reġgħet ġiet irrestawrata biex saret wieħed mis-siti bibliċi interessanti fil-Ġordanja.

## Għejjun tal-informazzjoni


Virgilio Corbo ofm, *La fortezza di Macheronte. Rapporto preliminare della prima campagna di scavo* (8 settembre – 28 ottobre 1978), *Liber Annuus* Vol. 28, Jerusalem 1978, 217-238.

Virgilio Corbo ofm, *La reggia-fortezza erodiana. Rapporto preliminare alla seconda campagna di scavo* (3 settembre – 20 ottobre 1979), *Liber Annuus* Vol. 29, Jerusalem 1979, 315-326.

Virgilio Corbo ofm, *La fortezza di Macheronte (Al-Mishnaqa). Rapporto preliminare alla terza campagna di scavo* (8 settembre – 11 ottobre 1980), *Liber Annuus* Vol. 30, Jerusalem 1980, 365-376.

Virgilio Corbo ofm – Stanislao Loffreda ofm, *Nuove scoperte alla fortezza di Macheronte. Rapporto preliminare alla quarta campagna di scavo* (7 settembre – 10 ottobre 1981), *Liber Annuus* Vol. 31, Jerusalem 1981, 257-286.

Franciscan Archaeological Institute, Mount Nebo, Jordan:

http://198.62.75.1/www1/ofm/fai/FAImachr.html



# IT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL DWAR L-IMĦABBA VERA

**_Fr Charles Buttiġieġ_**

*"L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8)*

## It-Terminu 'Imħabba' f'San Pawl

Għal San Pawl l-'imħabba' hija **l-qofol tad-doni** kollha li jagħti Alla lill-bniedem. L-imħabba hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija u tal-ħajja tal-komunità. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kelma u l-ħsieb tal-imħabba jidwu kontinwament fl-ittri kollha ta' San Pawl. It-terminu li l-iktar li juża San Pawl għall-'imħabba', ibbażata fuq ir-rispett veru lejn xulxin b'rabta mal-imħabba divina', huwa l-verb grieg ***agapao.*** Infatti n-nominattiv ***agape*** insibuh 75 darba; il-verb ***agapao*** 34 darba; il-partiċipju (maħbub) ***agapetos*** 27 darba. Hija għalhekk imħabba vera u għalhekk differenti mit-termini l-oħra għall-'imħabba' li nsibu fil-grieg klassiku, per eżempju l-kelma *eros*, imħabba tal-bniedem lejh innifsu.

Insibu f'San Pawl termini oħra li għandhom din ir-rabta mal-imħabba, per eżempju *eleeo*, 'li turi ħniena', li nsibuh 12-il darba u n-nominattiv *eleos* 'il-ħniena', li nsibuha 10 darbiet; dejjem kważi huma applikati għal Alla. Għandna kelmiet oħra marbuta mal-grieg *phileo*, per eżempju *philadelphia* 'fratellanza', jew 'imħabba familjari' li nsibuha darbtejn; *philanthropia*, 'imħabba għall-umanità' li nsibuha darba; *philema*, 'bewsa' li nsibuha 4 darbiet; *philotheos*, 'li jħobb lil Alla' insibuha darba; *philoxenia*, 'ospitalità' ukoll darba oħra.

## L-Imħabba ta' Alla fi Kristu

San Pawl jibni l-messaġġ tal-imħabba fuq **l-imħabba salvifika ta' Alla fi Kristu** (bil-grieg: ***agape***). Liema imħabba laħqet il-qofol tagħha fuq is-salib: "Iżda Alla uriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8); "Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5). Din hija l-imħabba ta' Alla għalina: "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5); "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5).

Il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba permezz tal-



fidi. Infatti l-imħabba f'San Pawl hija **marbuta mal-fidi**: "għax aħna smajna bil-fidi li għandkom fi Kristu Ġesù, u bl-imħabba tagħkom fi Kristu Ġesù u bl-imħabba tagħkom għall-qaddisin kollha" (Kol 1:4); L-imħabba hija possibbli għaliex il-fidi ta' Kristu twassal lin-nisrani biex jgħix ħajja tassew ġdida, mhix maħkuma iżjed mid-dnub jew mill-egoiżmu imma mill-Ispirtu ta' Alla: "Inħeġġiġkom, ħuti, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u permezz tal-imħabba tal-Ispirtu, tqabdu miegħi" (Rum 15:30); "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tnižżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19). Din l-imħabba mela tistedinna biex nemmnu fi Kristu u nħobbu lil xulxin.

## L-Imħabba lejn il-Proxxmu

L-Imħabba għall-proxxmu hija għal San Pawl il-karatteristika l-iktar importanti tal-ħajja nisranija. Dak kollu li għandna nagħmlu bħala nsara għandu jirrifletti din l-imħabba vera lill-proxxmu: "Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba" (1 Kor 16:14). Hija l-iktar karizma importanti: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba" (1 Kor 13:13). Din hija tassew il-glorja tal-imħabba ta' Alla fina li tidher fl-imħabba lejn il-proxxmu kif naraw tajjeb fil-kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra lill-Korintin: "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8).

L-Imħabba hija meqjusa u elenkata bħala **l-ewwel mill-frott tal-Ispirtu s-Santu**: "Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi." (Gal 5:22-23). Hija fuq kollox għal San Pawl il-bażi tal-liġi: "Il-liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'" (Gal 5:14). Mela San Pawl iħares lejn din l-imħabba **bħala l-liġi ta' Kristu**: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Gal 6:2). L-imħabba hija l-qofol tal-liġi l-ġdida fi Kristu: "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi." (Rum 13:8-10).

San Pawl jesiġi fuq kollox din **l-imħabba fil-qalba tal-ħajja tal-komunitajiet** li kien jew qed jevanġelizza, għaliex il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu, hija l-għaqda ta' bejn Alla u l-poplu tiegħu, hu għalhekk għandha tkun dan it-tempju ta' din l-imħabba vera. L-imħabba li twaħħad ma' xulxin il-membri kollha tal-ġisem f'armonija sħiħa u unika: "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:14). Mingħajr l-imħabba dan il-ġisem tal-Knisja ma jistax jaħdem sew: "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; tagħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin." (Rum 12:9-10); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda." (Ef 4:3-5).

L-insara għalhekk għandhom jieħdu ħsieb



xulxin: "B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu." (1 Kor 12:25-26); "Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin." (Rum 14:19). Hija din it-tip ta' imħabba **li tipprepara lin-nisrani sabiex jiltaqa' u jilqa' lil Kristu**: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

## Biblijografija


Bruce, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

Buckley, T.W., Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul, Boston (MA) 1981.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), Torino 2000.

Għidelli, C., *Un Anno con San Paolo, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo*, Torino 2008.

Lietzmann, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.



# KIF KRISTU SAR IL-QASSIS IL-KBIR (2) (LHUD 2,17-18)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

"Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu. Għax, billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib".



L-applikazzjoni tas-salm 109 dwar is-saċerdozju ta' Kristu hemm bżonn li issa tiġi ċċarata. Dan għaliex ir-raġunament tal-ittra lil-Lhud kif wieħed jidħol mat-taqsima tas-saċerdoti huwa differenti ħafna kemm minn dak tat-Testment il-Qadim kif ukoll minn dak tal-Ġdid Testment. "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu". (Lhud 2,17).

## Ħtieġa ta' għażla

Dan il-kliem però jaħsad waħda sew lil kull min jaqrah u jirrifletti dwaru. Dan għaliex imur f'direzzjoni kontrarja mad-drawwa biblika tat-Testment il-Qadim. Għaliex filwaqt li fit-Testment il-Qadim jitkellem minn firda u għażla sħiħa bejn il-qassis il-kbir u l-bqija tal-poplu, dan it-test tal-ittra lil-Lhud jitkellem minn "XEBH" ma ħutu l-bnedmin. It-Testment il-Qadim jeżiġi l-firda u l-għażla min-nies dejjem f'sens ta' qdusija, filwaqt li l-awtur ta' din l-ittra ma jirraġunax hekk, qed jaqleb waħda sew drawwa l-aktar qadima u għażiża għalihom. Ħalli naraw kemm dan huwa veru.

Sabiex wieħed ikollu kuntatt mar-realtà tas-sagru, il-Leviti tqiegħdu fil-ġenb, u ġew mifruda mill-bqija ta' ulied Iżrael. Tant hu veru dan li l-Leviti:

**(a)** ma kellhomx eredità bħall-bqija kollha tal-poplu Lhudi (Dt 18, 1-2).

**(b)** Iċ-ċensiment tagħhom sar separatament minn dak tal-oħrajn kollha (Num 1,47).

**(ċ)** Kemm f'Aron kif ukoll f'uliedu, din is-separazzjoni kienet wisq aktar tidher.

Dan qiegħed:

(i) fir-riti tal-konsagrazzjoni,

(ii) fl-offerti ta' numru kbir għas-sagrifiċċju tal-bhejjem (Lev 8),

(iii) Fil-preċetti ħorox tal-indafa ritwali. Ara Levitiku 21, fejn jissemmew il-mejtin u l-vistu li għandu jsir lilhom, l-annimali impuri, l-offerti lil Alla u l-bqija

## Il-qassis il-kbir

Minn dan kollu għalhekk jidher sew kemm il-qassis il-kbir deher qisu esseri maqtugħ u magħżul fuq kull esseri maħluq ieħor. Mela bniedem ta' dinjità estrema u unika. Dan isaħħu waħda sew il-ktieb ta' Ġożwè bin Sirak, is-Siraċide. L-awtur meta jitkellem mill-qassis il-kbir l-ewwel verb li juża huwa dak ta' "għolla" (Sir 45,6). Hawn is-suġġett huwa Alla. Mela huwa Alla li għolla lil Aron. Il-qassis għandu jiġi mqiegħed fil-ġenb, magħżul u mifrud mill-bqija tal-poplu.

Is-Siraċide donnu ma jieqaf qatt milli jiddeskrivi l-GLORJA tal-qassis il-kbir meta jitkellem minn Aron. Dejjem biex juri l-kobor u d-dinjità tal-qassis il-kbir Xmun, is-Siraċide jagħmel użu u xebh mal-ħwejjeġ tas-sema: mela xemx, qamar, kwiekeb, qawsalla. "Kemm kien ikun imsebbaħ bil-poplu madwaru, meta kien joħroġ mis-santwarju minn wara l-purtiera! Bħall-kewkba ta' filgħodu qalb is-sħab, bħall-qamar fil-jiem meta jkun mimli; bħax-xemx tiddi fuq it-tempju tal-għoli u bħall-qawsalla tilma' fi sħab jiddi" (Sir 50, 5-7). Il-qassis il-kbir għalhekk huwa qiegħed f'żona tas-sema, għalih waħdu, mimli qdusija. Forsi grad ogħla aktar minn hekk ma hemmx.

Dan kollu għalhekk il-qassis il-kbir qajjem doża kbira ta' għejra u ambizzjoni fost sħabu li dawn ukoll riedu jieħdu f'idejhom din il-kwalità ta' saċerdozju. Eżempju klassiku huwa dak ta' Koraħ u l-klikka tiegħu. (Num 16). Dawn xewxu ħafna nies kontra Mosè u ħuh Aron għaliex huma wkoll riedu jieħdu is-setgħa ta' qassisin. Imma meta ġew għall-prova jekk jingħadux mas-saċerdoti il-Mulej dan saħan bil-kbir u wieġeb: "Warrbu min-nofs din il-ġemgħa, ħa neqridhom ilkoll f'salt wieħed" (Num 16, 21).

## Kuntrast qawwi

Fl-isfond ta' dan kollu, l-ittra lil-Lhud tippreżenta kuntrast tassew qawwi. Hija teħodha direttament mal-mentalità u l-imġiba tal-qassisin il-kbar ta' dak iż-żmien. Għalihom dan l-unur u dover kien l-ogħla grad li wieħed jista' qatt jilħaq u jasal għalih. Xi drabi l-qassis il-kbir, biex jasal sa hawn, huwa kien juża mezzi tassew ħżiena u anke illeċiti. Tebgħa oħra f'din il-kariga hekk għolja kienet, meta kien ikun l-istess sultan li jagħżel hu lil min irid u lil min jaqbillu u jagħmlu qassis il-kbir. Eżempju tipiku huwa dak tas-sultan Erodi l-Kbir.

Issa dan dollu kien imur kontra d-direzzjoni li ħa Ġesù fil-mixja tiegħu. Biex jasal sa hawn Ġesu rrinunzja u ċaħad għal kull forma ta' privileġġ, u minflok ma żamm ruħu 'l fuq min-nies, Ġesù sar jixbahhom f'kollox. Mhux biss imma laqa' kull forma kbira ta' umiltà meta ħa l-passjoni u l-mewt tas-salib, mewt ta' wieħed infami u xxellerat jekk mhux ukoll mewt ta' saħta minn l-istess Alla!!

Meta l-awtur tal-ittra qal li "kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox" (Lhud 2,17), huwa kien qed jaħseb għal din is-sitwazzjoni u mhux biss fl-Inkarnazzjoni imma fuq kollox l-passjoni u l-mewt redentiva. Kellu raġun ħafna snin wara San Iljun il-Kbir jikteb: "*Incarnatio sine passione non fuit opus*

*redemptionis*". Is-saċerdozju ta' Kristu kien tassew wieħed ta' xejn, ta' ċkunija, ta' qadi, ta' servizz u tbatija.

## Imġibiet kontrarji

Dan l-atteġġjament ta' tbatija u mewt kien imur kollu kontra kull idea tradizzjonali tal-Lhud l-aktar reliġjużi f'relazzjoni mal-qassis il-kbir. Dawn billi kellhom idea tant għolja lejn il-qdusija tal-qassis, kienu dejjem ħsiebhom għal firdiet u għażliet ritwali. Għal dawn il-Lhud ortodossi, li l-qassis il-kbir jitħallat kompletament mal-membri l-oħra tal-poplu komuni, din kienet xi ħaġa assolutament inkompatibbli mal-ħsieb għoli li huma kellhom tal-qassis.

Għalihom, il-qassis il-kbir ma seta' qatt ikollu l-iċken kuntatt mal-mewt. Dan għaliex ma hemm ebda affinità bejn it-taħsir tal-mewt u Alla. Il-qassis il-kbir ma kellu ebda dritt li jagħmel il-vistu għal ħadd, anqas għal ommu jew missieru (Lev 21,1). Dan ghaliex hekk ikollu kuntatt mal-mewt. U l-ġrajja ta' mewt u l-pożizzjoni ta' qassis il-kbir kienu f'konflitt qawwi ma' xulxin.

## Il-misteru tal-Għid Mogħdija

Ġesù però sar qassis il-kbir minħabba t-tbatijiet li sofra u l-mewt li liberament mar għaliha. Hekk offra lilu nnifsu solidali ma' ħutu l-bniedmin kollha, mingħajr ebda għażla ta' xejn. Ġesu kien il-qassis li joffri u l-istess offerta maqtula lil Alla Missieru.

Issa milli jidher kienet il-meditazzjoni dwar il-passjoni, il-mewt u il-qawmien glorjuż li wassal l-awtur tal-ittra biex jaqleb kull prospettiva u raġunament. Dan għamlu billi nsista aktar fuq is-solidarjetà ma' ħutu bnedmin, u warrab l-idea ta' għażla ritwali. Dan il-misteru għandu valur sħiħ tal-konsagrazzjoni saċerdotali. Ġesù kompla dan is-saċerdozju billi warrab kull forma ta' separazzjoni legali, mela riti, oġġetti, ikel, drawwiet u l-bqija. U daħal aktar bis-sħiħ ma' u fost ħutu billi ħenn, talab u offra lilu nnifsu għalihom. Aktar 'il fuq minn daqshekk, Ġesu żgur li ma setax jasal!!

Ġesu tbaxxa u aċċetta kull forma ta' miżerja umana biex hekk bil-fatti jkun ta' solliev u għajnuna għal ħutu kollha l-bnedmin. Fit-tbatija u l-mewt Ġesu wera l-ogħla forma ta' mħabba. Hekk il-bniedem skopra issa tassew min hu l-veru qassis il-kbir u liema hija tassew il-missjoni tiegħu. Iżda Alla l-Missier inkuruna lil Ibnu Ġesù bil-glorja u dan għamlu mhux le minħabba s-separazzjonijiet legali daqs kemm grazzi għal aċċettazzjoni sħiħa ma' ħutu l-bnedmin – sar bħalhom.

It-tbatijiet umani kienu hemm, il-mewt, id-dnub il-mard kollha eżistew. Ġesu niżel sal-qiegħ nett ta' din il-miżerja umana, imma issa bidel kollox. Ġesu għamel u aċċetta mit-tbatijiet u mill-mewt okkażjoni ta' mħabba estrema. Hekk mela għandna naħsbu dwar dan is-saċerdozju ta' Kristu.



# IT-TALB U L-KELMA TA' ALLA FL-EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA *VERBUM DOMINI*

*P. Marcello Ghirlando ofm*

It-tielet titlu tat-tieni parti tal-Eżortazzjoni Apostolika *Verbum Domini* jitħaddet fuq Il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja tal-Knisja (numri 72 - 89). Fin-numri 86 u 87 il-Papa jikteb żewġ paragrafi sbieħ fuq kif għandna naqraw il-Kelma ta' Alla f'atteġġjament ta' talb. Fil-prattika jurina kif għandna nitolbu bl-Iskrittura Mqaddsa, talb li jissejjaħ *lectio divina*. Ħalli nimxu pass pass ma' dak li jipproponielna Benedittu XVI.

## Pedament ta' kull spiritwalità nisranija

L-atteġġjament ta' talb quddiem il-Kelma ta' Alla huwa element fundamentali tal-ħajja spiritwali ta' kull min jemmen, f'kull stat u f'kull ministeru fi ħdan il-Knisja. Il-Papa jistqarr bla tlaqliq: "Il-Kelma ta' Alla hija l-pedament ta' kull spiritwalità nisranija awtentika". Kien għalhekk li waqt is-Sinodu sar riferiment għal dak li kien inkiteb fil-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei Verbum*, fin-numru 25: "Jersqu għalhekk il-fidili bil-qalb lejn il-Kotba Mqaddsa sew fil-liturġija mqaddsa mogħnija bil-kelma ta' Alla, sew permezz tal-qari devot, sew permezz ta' inizjattivi addattati għal dan l-iskop jew għajnuniet oħra li, bl-approvazzjoni u bl-appoġġ tal-isqfijiet, qegħdin illum, b'mod ta' min ifaħħru, joktru u jixterdu kullimkien. Imma għandhom jiftakru li l-qari tal-Iskrittura Mqaddsa għandu jkollu miegħu wkoll it-talb biex jista' jkun hemm taħdita bejn Alla u l-bniedem; għax 'meta nitolbu, aħna nitkellmu miegħu; meta naqraw il-Kelma ta' Alla, aħna nisimgħu lilu'."

Il-Konċilju Vatikan II, fil-fatt, ried jerġa' ilaqqam il-Knisja fit-tradizzjoni ta' Missirijiet il-Knisja li dejjem ħeġġet lill-insara jersqu lejn il-Kelma ta' Alla f'atteġġjament u fi spirtu ta' talb. Is-silta mid-*Dei Verbum* li l-Papa jikkwota tagħlaq b'dik il-kelma sabiħa ta' Santu Wistin. Oriġene, wieħed mill-imgħallma l-kbar tal-Iskrittura, ukoll jinsisti li biex wieħed jifhem aħjar l-Iskrittura Mqaddsa aktar milli studju jeħtieġ li wieħed ikun qrib Kristu u jgħix ħajja ta' talb. Kien konvint illi l-aħjar mod biex tagħraf lil Alla hu permezz tal-imħabba.

Hawnhekk il-Papa jikkwota silta mill-*Ittra lil Girgor* li dan l-istess Oriġene kien kiteb: "Iddedika lilek innifsek għall-qari tal-Iskrittura Mqaddsa; kun perseveranti f'dan. Aqra bl-intenzjoni li temmen u tingħoġob minn Alla. Jekk waqt il-qari issib ruħek quddiem bieb magħluq, ħabbat u jkun miftuħ għalik minn dak il-ħarries li fuqu Ġesù qal, 'Dak li jħares il-bieb jiftħu'. Meta tiddedika lilek innifsek għall-*lectio divina*, fittex bil-għaqal u b'fiduċja f'Alla għas-sens tal-Iskrittura Mqaddsa li huwa moħbi fil-milja tiegħu fiha. Imma tkunx kuntent biss li tħabbat u tfittex: biex tifhem il-ħwejjeġ ta' Alla huwa assolutament



neċessarju t-talb. Għalhekk il-Feddej tagħna ma qalilniex biss: "fittxu u ssibu' u 'ħabbtu u jiftħulkom', imma żied ukoll, 'itolbu u jingħatalkom'.

## F'għaqda mal-Knisja

Hawnhekk il-Papa juri wkoll illi f'dan kollu wieħed irid dejjem jersaq lejn l-Iskrittura Mqaddsa f'għaqda mal-Knisja. Ma nistgħux nersqu lejn l-Iskrittura b'mentalità individwalistiku għaliex il-Kelma ta' Alla ngħatat lilna biex tibnina fl-għaqda u tgħaqqadna flimkien fil-Verità fil-mixja tagħna lejn Alla. Veru, hija Kelma indirizzata lejna personalment; imma hija wkoll Kelma li neċessarjament trid tibni l-komunità, trid tibni l-Knisja.

F'diskors li l-Papa kien għamel lill-istudenti tas-Seminarju Maġġuri ta' Ruma fid-19 ta' Frar 2007, hekk kien stqarr: "Qari flimkien tal-Iskrittura huwa importanti ħafna, għaliex is-suġġett ħaj tal-Iskritturi Mqaddsa huwa l-Poplu ta' Alla, hija l-Knisja...l-Iskrittura mhijex xi ħaġa tal-passat, għaliex is-suġġett tagħha, il-Poplu ta' Alla mnebbaħ minn Alla nnifsu, huwa dejjem l-istess, u għalhekk il-kelma hija dejjem ħajja fis-suġġett ħaj. Huwa importanti li taqra u tagħmel esperjenza tal-Iskrittura f'għaqda mal-Knsija, jiġifieri, max-xhieda l-kbar għal din il-kelma, minn Missirijiet il-Knisja tal-bidu sal-qaddisin ta' żminijietna, sal-maġisteru tal-ġurnata tallum".

Għalhekk il-post privileġġjat biex wieħed jisma' fi spirtu ta' talb il-Kelma ta' Alla hija l-liturġija u, b'mod partikulari, l-Ewkaristija, li fiha il-Kelma hija ħajja u taħdem fostna. (It-tieni titlu ta' din it-tieni parti tal-Eżortazzjoni Appostolika hija kollha ddedikata għal din it-tema: Il-Liturġija bħala l-post privileġġjat għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla).

Hawnhekk, jidhirli jien, il-Papa joħroġ b'intuwizzjoni tassew sabiħa. Hu jgħid illi f'ċertu sens il-qari tal-Kelma ta' Alla msieħeb bit-talb, personali u kommunitarju, irid ikun dejjem marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristja. Bħalma l-adorazzjoni Ewkaristika tħejji, takkumpanja u tkompli ċ-ċelebrazzjoni





tal-Ewkaristija, daqshekk ieħor il-qari fi spirtu ta' talb personali u komunitarju tal-Kelma ta' Alla, tħejji, takkumpanja u tapprofondixxi dak li l-Knsija tiċċelebra meta xxandar il-Kelma fil-kuntest tal-Liturġija.

## Il-*Lectio Divina*

In-numru 87 il-Papa jikteb fuq il-kif titlob bil-Kelma ta' Alla u jagħti mudell ta' kif wieħed jista' jipprattika l-*lectio divina* (it-talb fuq il-Kelma ta' Alla). Hu jistqarr li il-*lectio divina* hija "mhux biss kapaċi tiftaħ it-teżori tal-Kelma ta' Alla lill-fidili imma wkoll tlaqqagħhom ma' Kristu, il-Kelma ħajja ta' Alla".

Hawnhekk il-Papa jipproponi l-mumenti bażiċi ta' kif wieħed jista' jitlob bil-Kelma ta' Alla. Il-*lectio divina* tibda bil-qari attent tas-silta mill-Kelma ta' Alla (*lectio*). Din turi x-xewqa tagħna li nifhmu l-kontenut veru tas-silta. F'dan il-mument wieħed jista' jsaqsi lilu nnifsu: x'inhi tgħid is-silta biblika fiha nnifisha? Huwa importanti li nippruvaw nifhmu x'tgħid is-silta fiha nnifisha. It-tieni mument huwa l-mument tal-meditazzjoni (*meditatio*). Huwa l-mument li fih nistaqsu lilna nfusna: x'inhi tgħidli s-silta biblika? Hawnhekk irridu nħallu lilna nfusna niġu sfidati mill-Kelma li biha qed nitolbu, kemm bħala persuni individwali u kemm bħala komunità. Wara jmiss il-mument tat-talb (*oratio*) li bih nagħtu tweġiba għal mistoqsija oħra: x'se ngħidulu lill-Mulej bħala tweġiba għall-Kelma tiegħu. Kull talb huwa siewi: kemm jekk nroddu ħajr lil Alla, kemm jekk infaħħruh, kemm jekk nitolbu għall-oħrajn, kif ukoll jekk nippreżentawlu l-ħtiġijiet tagħna. Bit-talb nirċievu l-qawwa tal-bidla li tiġi mill-istess Kelma ta' Alla. Il-*lectio divina* tagħlaq bil-kontemplazzjoni: nippruvaw nirċievu minn Alla d-don li nkunu fir-rieda tiegħu. Nistgħu nsaqsu lilna nfusna: x'bidla tal-moħħ, tal-qalb u tal-ħajja qed jitlob minni l-Mulej? Il-Kelma tgħinni nagħmel l-aħjar għażliet fid-dawl tas-sejħa nisranija tiegħi, bħalma jħeġġeġ Pawlu fl-Ittra lir-Rumani 12, 2: "Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett".

Hawnhekk il-Papa jfakkar il-kelma qawwija li nsibu fl-Ittra lil-Lhud 4, 12: "Il-Kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb". Il-proċess tal-*lectio divina* isib il-milja tiegħu fl-azzjoni (*actio*): meta ħajjitna issir don ta' mħabba lill-oħrajn.

Dan il-mod ta' talb bil-Kelma ta' Alla, il-Papa jipproponih lil-kulħadd: lill-Isqfijiet, lis-saċerdoti u lill-kandidati għas-saċerdozju, lir-Reliġjużi, lill-miżżewġin u l-familji u lill-insara kollha (ara: numri 78-85).

## Marija, mudell tas-smigħ

Il-Papa jara f'Marija is-sintesi u l-milja ta' dan il-proċess. Għal kull nisrani Marija hija l-mudell ta' kull min jixtieq jilqa' b'doċilità l-Kelma ta' Alla, hi li dejjem għożżot il-Kelma f'qalbha kif jinsisti San Luqa (2, 19; 2, 51). B'dan l-atteġġjament hija sabet l-għaqda profonda li tgħaqqad, fil-pjan ta' Alla, il-ġrajjiet, l-azzjonijiet u l-ħwejjeġ li setgħu jidhru mifruda minn xulxin.

Interessanti kif il-Papa jagħlaq dan il-paragrafu. Ifakkar lill-insara li t-talb bil-Kelma ta' Alla jista' jiġi offrut biex wieħed jikseb l-indulġenza kemm għalih innifsu kif ukoll għall-erwieħ tal-mejtin. "Nixtieq infakkar ukoll f'dak li s-Sinodu ippropona fuq

l-importanza tal-qari personali tal-Iskrittura, anke bħala prattika li tagħtina l-possibilità, skont il-kundizzjonijiet tas-soltu tal-Knisja, li naqilgħu indulġenza kemm personalment kif ukoll għall-erwieħ ta' ħutna li ħallewna. Il-prattika tal-indulġenzi hija mlaqqma fid-duttrina tal-merti infiniti ta' Kristu – li l-Knisja bħala qaddejja tal-fidwa, tqassam u tapplika, imma timplika wkoll dik id-duttrina tax-xirka tal-qaddisin, u tgħallimna li fil-mod li aħna magħqudin ma' Kristu, daqshekk ieħor magħqudin ma' xulxin, u l-ħajja sopranaturali ta' kull wieħed minna tista' tkun ta' ġid għall-oħrajn".

"B'hekk, il-qari tal-Kelma ta' Alla, iqawwina fil-mixja tagħna ta' penitenza u konverzjoni, iseddaqna fis-sens ta' appartenenza għall-Knisja, u jgħinna nikbru fil-familjarità ma' Alla. Kif igħid Sant'Ambroġ: 'Meta nieħdu f'idejna l-Iskrittura bil-fidi u naqrawhom mal-Knisja, nerġgħu nimxu ma' Alla fil-ġnien'".

F'dan il-kuntest, f'nota tal-Penitenterija Apostolika tas-16 ta' Lulju 1999, insibu miktub hekk: "Indulġenza Plenarja tingħata lill-insara li jaqraw b'devozzjoni u jitolbu bl-Iskrittura Mqaddsa, minn test approvat mill-Knisja, almenu għal nofs siegħa; jekk iż-żmien ikun inqas, jistgħu jirċievu indulgenza parzjali".





# IL-LHUD FL-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW (2)

***Rev. Dr Martin Micallef ofm cap***

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu, ħarisna lejn il-mod kif San Mattew jitkellem fuq il-kittieba u l-Fariżej, is-sinagoga, il-Knisja, it-trasferiment tas-Saltna tas-Smewwiet u l-qabar vojt. Ir-referenzi li ppreżentajna dwar dawn il-ħames punti jagħtuna indikazzjoni li l-Knisja li għaliha kien qed jikteb San Mattew kienet inqatgħet mill-istrutturi tal-Ġudaiżmu. Fit-tieni parti ta' dan l-artiklu se nippreżentaw aktar testi minn dan l-Evanġelju li jeħduna f'din id-direzzjoni.

Dan se nagħmluh billi neżaminaw tliet parabboli ta' Ġesù li nsibuhom f'Mt 21-22, jiġifieri, fl-aħħar ġimgħa ta' Ġesù meta huwa kien f'Ġerusalemm. Hemmhekk huwa jidħol f'diversi konflitti mal-mexxejja reliġjużi Lhud li fl-aħħar iwasslu għall-passjoni u l-mewt tiegħu.

## Il-Parabbola taż-Żewġ Ulied (Mt 21,28-32)

Din il-parabbola li nsibuha rrakkuntata biss f'San Mattew tagħmel parti mill-attività ta' Ġesù f'Ġerusalemm li tibda f'21,1 bid-dańla ta' Ġesù f'din il-belt, segwita mill-episodju ta' Ġesù fit-tempju (vv.12-17), is-saħta fuq is-siġra tat-tin (vv. 18-22), u l-konflitt fuq il-mistoqsija li ssir lil Ġesù fuq l-awtorità li biha kien qed jagħmel dan kollu (vv.23-27).

Il-parabbola hija indirizzata lill-mexxejja reliġjużi Lhud jew aħjar lill-"qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu" li kienu preżenti jisimgħu lil Ġesù u li jissemmew fil-v.23 meta huma staqsewh: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu?" B'dan f'moħħna rridu nippruvaw nifhmu l-messaġġ ta' din il-parabbola u taż-żewġ parabboli l-oħra li Ġesù jtenni immedjatament wara.

Il-parabbola tibda billi tinfurmana li kien hemm missier li kellu żewġ ulied. Dan il-missier resaq fuq ibnu l-kbir, u qallu: "Ibni, illum mur aħdem l-għalqa tad-dwieli" (21,28). Ir-referenza għall-għalqa tad-dwieli hawnhekk tirreferi għal Iżrael, minħabba li fit-Testment il-Qadim, id-dielja hija waħda mis-simboli mogħtija lil dan il-poplu.

It-tweġiba negattiva ta' dan l-ewwel iben fil-v.29: "Ma rridx" turi ribelljoni kontra l-awtorità tal-missier, xi ħaġa li kulturalment ma kinetx aċċetta fis-soċjetà ta' żmien Ġesù.[1] B'danakollu, fl-istess vers naqraw kif dan l-iben "biddel il-fehma u mar." Il-kelma 'biddel il-fehma', bil-Grieg: *metameletheis,* proprjament hija kelma marbuta mal-*indiema/ konverżjoni.*[2] Fit-test Grieg din il-kelma nerġgħu niltaqgħu magħha lejn l-aħħar tal-parabbola fil-v.32 fejn tintuża għal dawk li baqgħu ma bidlux il-fehma tagħhom. Bl-użu ta' din il-kelma, mela, din il-parabbola mhijiex sempliċiment qed tgħidilna li dan l-iben biddel fehmtu, iżda xi ħaġa aktar minn hekk. Filwaqt li dan l-iben biddel fehmtu, hu fil-fatt kien qed 'jikkonverti', jiġifieri, hu kien biddel il-mod tal-ħsieb tiegħu biex b'hekk obda dak li missieru kien talab minnu.

Wara dan, inkomplu naqraw kif il-missier resaq fuq ibnu l-ieħor u talbu l-istess bħalma kien talab lil ħuh. Dan it-tieni iben iżda wieġeb l-oppost ta' ħuh, billi dan qabel li jmur: "Arani sejjer, sidi", imma fil-fatt "ma mar xejn" (v.30). B'hekk, dak li deher bħala iben ubbidjenti, fil-fatt wera li kien iben diżubbidjenti. L-atteġjament ta' dan l-iben meta jindirzza lil missieru bħala "Sidi' [bil-Grieg: *kyrios*], li fl-Iskrittura huwa titlu mogħti wkoll lil Alla, ifakkarna f'7,21 meta Ġesù jgħid: "Mhux kull min jgħidli, *Mulej, Mulej* [bil-Grieg: *kyrie, kyrie*] jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri."

Fl-aħħar tal-parabbola, Ġesù għalhekk jistaqsi lil dawk li kienu qed jisimgħuh: "Min minnhom it-tnejn għamel ir-rieda tal-Missier?" (21,31). Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu weġbuh: "L-ewwel wieħed" (v.31). Din it-tweġiba li toħroġ ċara mill-parabbola. Ġesù iżda joffendihom meta jkompli jispjega li l-iben l-ieħor kien dak li fil-fatt jirrappreżenta l-ħajja tagħhom.

"Għax Ġwanni ġie għandkom miexi fit-triq tal-ġustizzja, u intom ma emmintuhx iżda l-pubblikani u n-nisa tat-triq emmnuh; u għalkemm intom rajtu dan kollu, bqajtu sal-aħħar ma biddiltux il-fehma tagħkom, u ma emmintuhx" (v.32). Min-naħa l-oħra, Ġesù jxebbah "il-pubblikani u n-nisa tat-triq" mal-ewwel iben li biddel fehmtu/ ikkonverta. Dan jidher fil-mod kif dawn aċċettaw il-predikazzjoni ta' ndiema ta' Ġwanni l-Battista u ta' Ġesù! Huwa għalhekk li



Ġesù jkompli jgħid lill-mexxejja reliġjużi Lhud li kienu qed jisimgħu li huma l-pubblikani u n-nisa tat-triq li "deħlin qabilkom fis-Saltna ta' Alla" (v.31).

Hawn min interpreta l-verb użat hawnhekk "deħlin qabilkom" [bil-Grieg: *prosago*] bħala wieħed li jfisser li l-qassisin il-kbar u x-xjuħ ser jiġu esklużi milli jidħlu fis-Saltna f'kuntrast mal-pubblikani u n-nisa tat-triq.[3] Imma dan il-verb li fit-Testment il-Ġdid jissemma mal-20 darba, ħafna drabi jfisser sekwenza ta' żmien. F'dan il-kuntest, mela, jfisser li tidħol qabel u mhux esklużjoni.[4] Il-bieb mela kien għadu miftuħ imqar għall-għedewwa ta' Ġesù kemm-il darba dawn jikkonvertu lejn il-messaġġ ta' Ġesù.

## Il-Parabbola tal-Għalqa tad-Dwieli (Mt 21,33-46)

It-tieni parabbola ssegwi dik ta' qabilha fejn Ġesù jidher li kien għadu qed jindirizza lill-istess udjenza meta jgħid: "Isimgħu parabbola oħra…" (v.33). Il-parabbola tibda b'serje ta' verbi li jirriflettu dak li naqraw f'Is 5,1-7,[5] fejn wieħed, sid ta' għalqa "ħawwilha bid-dwieli; tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, u bnielha torri; u qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra" (Mt 21,33). Id-differenza ewlenija bejn Isaija 5 u din il-parabbola hija li fit-test ta' Isaija l-problema tas-sid hija l-għalqa tad-dwieli, filwaqt li f'din il-parabbola il-problema tas-sid huma l-bdiewa għax meta "wasal żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand dawk il-bdiewa biex jiġbrulu l-frott li kien imissu" (v.34) u dawn "qabdu lill-qaddejja, u lil wieħed sawtuh, lil ieħor qatluh, u lil ieħor ħaġġruh" (v.35).

F'kelma oħra, f'din il-parabbola bħal f'dik ta' qabilha, l-għalqa tad-dwieli tibqa' tintuża bħala referenza għal Iżrael, il-poplu li Alla wera imħabba kbira lejh.[6] F'din il-parabbola iżda rridu ninnutaw ukoll kif is-sid ma jeqridtx l-għalqa tad-dwieli, kif lanqas ma jħawwel għalqa tad-dwieli ġdida. Huma l-bdiewa, jiġifieri, il-mexxejja reliġjużi Lhud li huma l-problema u li fl-aħħar posthom joħodhulhom xi ħadd ieħor. Huwa b'dan f'moħħna li rridu nippruvaw nifhmu din il-parabbola, jiġifieri, fil-kuntest tal-istorja tas-salvazzjoni[7] li fiha Alla bagħat tant profeti imxebbhin f'din il-parabbola mal-qaddejja li ġew ittrattati tant ħazin. Hekk il-Profeta Ġeremija kien imsawwat (Ġer 20,2); Urija l-profeta,

qatluh (Ġer 26, 21-23), kif għamlu wkoll lill-ħafna mill-profeti kollha kif naqraw f'Neħ 9,26; u lil Żakkarija ħaġġruh (2 Kron 24,21).

Sid il-għalqa iżda ma qatax qalbu u "reġa' bagħatilhom qaddejja oħra, aktar minn qabel, u għamlulhom l-istess" (Mt 21,36). Sakemm "Fl-AĦĦAR [bil-Grieg: *hysteron*] bagħatilhom lil ibnu" (v.37). Jidher ċar li r-referenza għal dan 'l-iben' hija għal Ġesù, imqar jekk San Mattew iħalli barra l-aġġettiv "l-għażiż" (bil-Grieg: *agapeton*) kif naqraw f'Mk 12,6.[8]

Issa kien wasal iż-żmien li s-Sid jibgħat mhux aktar il-qaddejja/profeti tiegħu, imma lill-istess Ibnu. Għaliex? "Minn ibni jistħu, qal" (Mt 21,37). Il-bdiewa iżda lil dan l-iben għarfuh! Huma raw fih 'il-werriet' u għalhekk bdew jgħidu bejniethom: "'Araw il-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna'" (v.38), kliem li jfakkarna fl-istorja ta' Ġużeppi li ħutu riedu joqtluh.[9]

Fil-fatt dawn il-bdiewa qabdu lil dan l-Iben "xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh" (v.39), kliem li ħafna mill-istudjużi ta' din il-parabbola jqisuh bħala referenza għal Ġesù, li ġie maqtul barra l-ħitan ta' Ġerusalemm.[10]

Fi tmiem il-parabbola, il-mexxejja reliġjużi Lhud li kienu qed jisimgħu lil Ġesù ġew imġegħlin jiġbdu l-konklużjoni tagħhom fuq dak li fil-fatt kellu jiġri lilhom ukoll: "Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?' Qalulu: 'Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu'" (vv.40-41). B'din it-tweġiba, dawn il-mexxejja reliġjużi Lhud kienu qed iwaqqgħu l-ġebla fuq saqajhom u jikkundannaw lilhom infushom!

Aktar minn hekk, fit-tweġiba tagħhom huma jerġgħu jitkellmu mill-frott b'mod illi l-għalqa tad-dwieli "tingħata lil bdiewa oħra li jroddulu *l-frott* fi żmienu." Din it-tweġiba tidwi dak li naqraw f'Salm 1,3 ('li tagħmel il-frott fi żmienha'). Din it-tweġiba għalhekk tkompli ssaħħaħ il-polemika kontra dawn il-mexxejja reliġjużi Lhud li qed jiġu mqabblin mal-ħżiena ta' Salm 1.[11]

Ġesù jieħu din it-tweġiba tagħhom u japplikaha għalihom stess meta jkompli jgħidilhom: "Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel il-frott minnha" (v.43). San Mattew jaċċertana li dawk li kienu qed jisimgħu lil Ġesù fehmu l-messaġġ tiegħu. Hekk fil-fatt naqraw: "meta semgħu l-parabboli tiegħu, il-qassisin il-kbar u l-Fariżej fehmu li hu kien qiegħed jgħid għalihom. Huma riedu kieku jaqbduh taħt idejhom, imma beżgħu min-nies, għax kulħadd kien iżommu bi profeta" (vv.45-46). F'kelma oħra, jidher li l-parabbola tikkonċerna *l-mexxejja* ta' Iżrael u mhux lill-poplu kollu ta' Iżrael. Huma dawn il-mexxejja li kienu qed jitilfu posthom biex dan jingħata "lill-ġens li jagħmel il-frott minnha" (v.43).

## Il-Parabbola tal-Festa tat-Tieġ (Mt 22, 1-14)

L-aħħar mis-serje ta' tliet parabboli hija wkoll indirizzata lill-istess udjenza bħat-tnejn ta' qabilha, jiġifieri, l-mexxejja Reliġjużi Lhud kif turina l-introduzzjoni għal din il-parabbola: "Ġesù reġa' qabad ikellimhom bil-parabboli u qalilhom …" (22,1).

Il-parabbola titkellem fuq sultan, referenza għall-Mulej Alla, li bagħat lill-qaddejja tiegħu sabiex isejħu l-mistednin għal din il-festa tat-tieġ ta' ibnu, [12] "iżda dawn ma ridux jiġu" (Mt 22, 3). L-użu tal-*imperfett* hawnhekk juri azzjoni kontinwa u mhux sempliċiment xi ħaġa li ġrat darba. F'kelma oħra, dawn il-mistednin baqgħu jirrifjutaw darba wara l-oħra l-istediniet tas-sultan għal din il-festa ta' ibnu, li nistgħu ngħidu li hu Ġesù. [13]

Mill-ġdid, għalhekk, is-sultan bagħat qaddejja oħra, u qalilhom: "Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta; il-barrin u l-għoġiela msemmna diġà

maqtula u kollox lest; ejjew għall-festa" (v.4). Il-parabbola hawn tkompli billi terġa' tagħtina r-reazzjoni tal-mistednin: "Iżda dawn ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-negozju tiegħu, u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħulhom u qatluhom." (vv.5-6).

Il-mod ħażin li bih ġew ittrattati dawn il-qaddejja tas-sultan jfakkarna f'dak li qrajna fil-parabbola ta' qabel din fejn il-bdiewa qatlu lill-mibgħutin ta' sid l-għalqa tad-dwieli. It-tifsira taż-żewġ gruppi ta' qaddejja li s-sultan bagħat biex isejħu lill-mistednin hija dibattibbli ħafna fost l-istudjużi. Xi wħud iżommu li l-ewwel qaddejja jirrappreżentaw lill-profeti ta' Iżrael li ġew fil-bidu u t-tieni grupp lill-profeti li ġew wara.[14] Oħrajn iżommu li l-ewwel grupp jirrappreżenta l-profeti u t-tieni jirrappreżenta lil Ġwanni l-Battista.[15] Filwaqt li oħrajn, biex inkunu semmejna xi wħud, jaraw fl-ewwel grupp ta' qaddejja il-profeti, filwaqt li fit-tieni grupp jaraw lill-appostli u l-missjunarji tal-knisja tal-bidu.[16]

Kull pożizzjoni tista' tkun possibbli. Iżda dak li forsi l-aktar jinteressana hawnhekk hija l-ingratitudni ta' dawn il-mistednin. Dan jidher tajjeb meta nqabblu din il-parabbola mal-mod kif jirrakkuntaha San Luqa li jipprova jiskuża lill-mistednin meta dawn jirrifjutaw l-istedina tas-sultan. [17] Dan jikkuntrasta ħafna dak li naqraw f'San Mattew fejn il-mistednin jagħmlu forza fuq il-qaddejja tas-sultan (v.6).

Ir-reazzjoni tas-sultan għal dawn il-mistednin ingrati, li ma laqgħux l-istedina tiegħu, mhijiex imħolliha barra sabiex tingħata minn dawk li kienu qed jisimgħu lil Ġesù bħalma naqraw fil-parabbola ta' qabel din. Minflok din ir-reazzjoni tagħmel parti mill-parabbola stess: "Is-sultan inkorla ħafna, u bagħat is-suldati tiegħu, qered lil dawk il-qattiela, u ħarqilhom il-belt tagħhom" (v.7).

Din ir-reazzjoni tidher xi ftit esaġerata meta nqisu l-istorja ta' din il-parabbola. Min-naħa l-oħra jidher li din ir-reazzjoni tidwi dak li ġara fis-sena 70 W.K. meta l-belt ta' Ġerusalemm ġiet maħruqa u meqruda mir-Rumani. L-ewlenin insara interpretaw din il-ġrajja storika bħala ġrajja ta' ġudizzju minn Alla fuq il-poplu ta' Iżrael talli dawn baqgħu ma aċċettawx l-istediniet tiegħu.[18] Tajjeb ninnutaw ukoll li din il-belt qed tiġi msejħa 'il-belt *tagħhom*'. Jekk allura l-parabbola qed tirreferi għall-belt ta' Ġerusalemm, dan ifisser li Ġerusalemm issa m'għadhiex aktar il-belt ta' Alla imma biss il-belt 'tagħhom'.[19]

B'dan f'moħħna mela rridu nagħrfu li l-ġudizzju ta' Alla kontra Iżrael mhuwiex ġudizzju razzjali imma trasferiment reliġjuż: min-nazzjon għall-poplu ġdid ta' Alla (21,43). Dan ifisser li Iżrael issa ġie meqjus daqs il-ġnus l-oħra, jew inkella l-ġnus l-oħra tgħollew għal-livel ta' Iżrael bħala l-poplu l-ġdid ta' Alla. Dan narawh rifless fil-bqija tal-parabbola meta s-sultan jordna mill-ġdid lill-qaddejja

tiegħu sabiex imorru f'salib it-toroq u jsejħu għall-festa "lil kull min issibu" (22,9).

Il-qaddejja jobdu lis-sultan, marru "u ġabru lil kull min sabu, *ħżiena u tajba"* (v.10), frażi li tfakkarna f'Mt 13,47-48 fejn is-Saltna tas-Smewwiet hija mxebbha ma' xibka "mitfugħa l-baħar li fiha jinġabar minn kollox." Ir-riżultat kien li "is-sala mtliet bin-nies għall-mejda" (22,10). Huwa hawnhekk fejn naqraw kif is-sultan daħal f'din is-sala "ħalli jara min kien hemm fuq il-mejda, u hemmhekk lemaħ wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ, u qallu, 'Ħabib, dan kif dħalt hawn m'intix liebes għall-festa?' Dak tbikkem. Imbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu, 'Orbtulu riġlejh u idejh u waddbuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!'" (vv. 11-13).

Ix-xena tad-dħul tas-sultan f'din is-sala biex jara min kien hemm hija xena ta' ġudizzju. B'danakollu mill-ewwel daqqa t'għajn tidher ħaġa stramba kif wara li s-sultan bagħat jistieden lil kulħadd issa jagħmel din ir-reazzjoni quddiem dak li daħal hemmhekk mhux liebes għall-festa tat-tieġ! X'inhi mela t-tifsira tal-libsa tat-tieġ f'dan il-kuntest tal-parabbola? Sant'Irinew kien wieħed minn dawk tal-bidu li interpreta din il-libsa mal-għemejjel tajba tal-bniedem.[20] Huwa b'dan il-mod li ħafna studjużi llum għadhom jinterpretaw dan id-dettal ta' din il-parabbola.[21] Din il-libsa hija metafora tal-għemejjel tajba bħalma naqraw fil-ktieb tal-Apokalissi: "u lilha ngħata li tilbes għażel fin jgħammex l-għajnejn għax l-għażel fin ifisser l-għemejjel tajba tal-qaddisin" (Apok 19,8).

L-aħħar kelmiet ta' Ġesù li bihom jagħlaq din il-parabbola nistgħu nqisuhom bħala ġabra fil-qosor ta' din il-parabbola: "Għax ħafna huma l-imsejħin, imma ftit il-magħżulin" (Mt 22,14). Dan ifisser li mhux biżżejjed tkun imsejjaħ: din is-sejħa trid takkumpanjaha bl-għemejjel tajba, kif juri tajjeb ħafna l-Evanġelista San Mattew b'mod speċjali fid-Diskors tal-Muntanja.

Din il-parabbola mela, li hi t-tielet waħda f'serje ta' tlieta, tikkonċentra fuq



il-mod kif il-mexxejja reliġjużi Lhud ma weġbux għall-istediniet li kien qed jagħmlilhom il-Mulej Alla. Dawk li oriġinarjament kienu mistiedna tilfu dan il-privileġġ li issa kien qed jingħata kemm "lit-tajbin" kif ukoll "lill-ħżiena", jiġifieri, kemm lill-Pagani kif ukoll lil-Lhud. B'danakollu dawk li se jmorru għal din il-festa huma mistennija li jwieġbu b'mod li jixraq, jiġifieri, b'għemejjel li juru li huma tassew dixxipli tas-Saltna.

## Konklużjoni

Ir-referenza immedjata tat-tliet parabboli hija ċara mill-kuntest tan-narrattiva stess, u San Mattew jagħtihielna fuq platt meta fl-21,45 jikteb hekk: "Meta semgħu l-parabboli tiegħu l-qassisin il-kbar u l-Fariżej fehmu li hu kien qiegħed jgħid għalihom." F'dan il-punt jidher li San Mattew iqiegħed taħt theddida tal-ġudizzju mhux lil Iżrael kollu imma biss parti minn dan il-poplu, jiġifieri l-mexxejja reliġjużi Lhud li ma weġbux għas-sejħat ta' Alla u ta' Ibnu Ġesù.

## Referenzi


1 Ara Sir 3,1-16.

2 Ara l-ispjega tat-tifsira varja ta' din il-kelma f'dan il-kuntest, f'Arland J. Hultrgen, *The Parables of Jesus, A Commentary,* Grand Rapids/MI 2000, 219-220.

3 Ara, per eżempju, Günther Bornkamm, *Jesus of Nazareth,* New York 1960, 79.

4 Għall-użu ta' dan il-verb f'Mt 21,32 ara d-diskussjoni f' Klyne R. Snodgrass, *Stories with Intent, A Comprehensive Guide to the Parables of Jesus,* Grand Rapids/MI 2008, 273-274.

5 Fuq ir-relazzjoni u x-xebħ imma wkoll id-differenzi bejn din il-parabbola u Isaija 5, ara, W.J.C. Weren, *The use of Isaiah 5:1-7 in the Parable of the Tenants* (Mark 12:1-12; Matthew 21:33-46), in *Biblica* 79 (1998) 1-26.

6 Għar-referenza ta' Iżrael imxebbaħ ma' għalqa tad-dwieli fl-Iskrittura, ara, per eżempju, Isa 3,14; Eżek 17,6; Hos 9,10; Bar 1,2.

7 Fuq dan il-punt ara l-istudju ta' K. Snodgrass, *Recent Research on the Parable of the Wicked Tenants: An Assessment,* in *Bulletin of Biblical Research* 8 (1998) 187-215.

8 A. Milavec, *A Fresh Analysis of the Parable of the Wicked Husbandmen in Light of Jewish-Christian Dialogue,* in *Parable and Story in Judaism and Christianity,* edited by Clemens Thoma and Michael Wyschogrod, New York 1989, 104, iżomm li t-titlu ta' 'Iben' hawnhekk ma jirreferix għal xi ħadd speċifiku. Iżda meta naqraw din il-parabbola mill-perspettiva ta' wara l-Qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, bosta studji jżommu li r-referenza għall-'Iben' hija għal Ġesù. Ara per eżempju, C.H. Dodd, *The Parables of the Kingdom,* Rev. ed. New York 1961, 99-100.

9 Ara Ġen 37,20.

10 F'Mk 12,8 l-iben l-ewwel jinqatel u imbagħad jiġi mixħut barra mill-għalqa. Mattew ibiddel din is-sekwenza u jgħidilna li l-bdiewa l-ewwel xeħtu 'l barra mill-għalqa tad-dwieli lill-iben u mbagħad qatluh, sekwenza li taqbel aktar ma' dak li jidher li ġara lil Ġesù. Ara Lhud 13,12; Ġw 19,20.

11 Fuq dan il-punt, ara, Allan W. Martens, *'Produce Fruit Worthy of Repentance': Parables of Judgment against the Jewish Religious Leaders and the Nation (Matt 21:28-22:14, par.; Luke 13:6-9),* in *The Challenge of Jesus' Parables,* edited by Richard N. Longenecker, Grand Rapids/MI 2000, 160.

12 L-ikla tat-tieġ hija metafora għas-Saltna Messjanika Eskatoloġika u l-ferħ tagħha. Ara, per eżempju, Isa 25,6; Apok 19,7-9. Ara wkoll Isa 54,5; Mt 25,10. Ix-xena ta' ikla marbuta mal-miġja tal-Messija tkompli wkoll f'kitbiet Lhud tat-2 Seklu W.K., *Bar.* 29:1-8.

13 Fl-Evanġelju Ġesù jiġi msejjaħ bħala għarus. Ara Mt 9,15; 25,1-13.

14 Ara Robert H. Gundry, *Matthew: A Commentary on His Handbook for a Mixed Church under Persecution,* 2nd ed, Grand Rapids 1994, 437.

15 Ara, Donald A. Hagner, *Matthew* (= World Biblical Commentary) 2, Dallas 1995, 630.

16 Ara Madeleine Boucher, *The Parables, Rev. ed.* Wilmington 1983, 104.

17 Ara Lq 14, 15-24.

18 Din hija l-interpretazzjoni mogħtija minn bosta studjużi. Ara, per eżempju, Bernard B. Scott, *Hear Then the Parable: A Commentary on the Parables of Jesus,* Minneapolis 1989, 163.

19 Fuq dan il-punt, ara, R.T. France, *The Gospel of Matthew* (= The New International Commentary on the New Testament), Grand Rapids/MI 2007, 825.

20 Ara t-trattat *Kontra l-Ereżiji ta' Sant'Irinew,* 4.36.6.

21 Ara per eżempju, W. Dawson, *The Gate Crasher,* in *ExpTim* 85 (1974) 304-6.



# ŻAKKEW – IL-MAĦFRA QABEL L-ISTQARRIJA (LQ 19, 1-10)

***Fr Paul Sciberras***

Waħda mis-sentenzi l-kbar nett li għandu San Pawl fl-Ittri tiegħu - kbar bħal - "Imitaw lili bħalma jien imitajt lil Kristu" (1Kor 11,1); "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina" (2Kor 5,21); "Ngħix imma mhux jien imma Kristu jgħix fija" (Gal 2,20); "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef" (2Kor 12,9); "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm

filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu" (Fil 3,8); waħda minn dawn is-sentenzi hija: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rum 5,20)

Ma qalx San Pawl: 'Fejn kotor id-dnub, kellha toktor il-penitenza', jew 'Fejn kotor id-dnub, kellha toktor l-indiema'. Jidher li għandna xi ħaġa f'din id-direzzjoni fir-rakkont ta' Żakkew.

Ġesù ma jitolbux jindem l-ewwel. Ġesù ma semmilux dnubietu. Ġesù refa' biss għajnejh u lemaħ lil dak li ried jara Ġesù min hu fis-siġra u sejjaħlu b'urġenza. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra ta' Ħamis ix-Xirka tas-sena 2002 lis-saċerdoti, kitbilhom: "Il-ħniena diġà waslet għandu bħala rigal abbundanti mogħti lilu b'xejn. Il-ħniena laħqet qabel Żakkew" (#6).

San Luqa jibda r-rakkont bid-deskrizzjoni ta' "*Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq*", litteralment, "kien għaddej minn nofsha", bla ħsieb li jieqaf hemm. Imbagħad jiddeskrivi lil Żakkew, il-protagonista: "*Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani.*"

*Żakkaios* huwa l-isem Grieg għal-Lhudi *Żakkai*, li jfisser "pur, innoċenti"! Xogħolu kien li jieħu l-kuntratti mingħand ir-Rumani biex jiġbor it-taxxi. Ir-Rumani kienu jimponu somma ta' flus li t-tali belt kellha tħallas. Ġeriko kienet belt sinjura minħabba li kienet oasi f'nofs iż-żona tad-Deżert ta' Ġuda. Allura s-somma kienet ikbar. Il-kap tal-pubblikani kien ikun wieħed li jitfa' *t-tender* u jieħu l-inkarigu li jiġbor dik it-taxxa għar-Rumani. Diġà t-taxxi ħadd ma jieħu gost bihom, aħseb u ara l-Lhud it-taxxi għall-ħakkiema pagani Rumani. Għal dik il-biċċa xogħol, il-kap tal-pubblikani kien jieħu għalih ċerta *commission*. Nimmaġinaw kemm dawn in-nies kienu maħbuba min-nies! Terġa', Żakkew kien għani, u bejn l-għira u bejn is-suspett li kien qiegħed jieħu għalih flus niesu stess, kien mibgħud iktar u iktar.

Imma Żakkew "*Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir.*"

Il-verbi kollha f'dan il-vers huma fl-imperfett fil-Grieg, jiġifieri azzjoni ripetuta jew prolungata fil-passat: mhux darba biss Żakkew fittex li jara lil Ġesù, imma ħafna drabi, imma wkoll ripetutament ma setax għax kien qasir.

Proprjament, Żakkew mhux ried jara *lil* Ġesù imma Ġesù *min kien*. Kien ilu jisma' fuqu, ipprova ripetutament jara lil din il-persuna li tħalli tant impressjoni fuq in-nies. Żakkew jagħmel ***l-ewwel pass*** lejn il-konverżjoni: l-ewwel kien jixtieq jara min kien Ġesù. Tikkonverti proprjament mhux għax tħoss il-ġuħ jagħfas fuqek u tgħid aħjar immur lura għand missieri għax hemm hemm il-ħobż, biex ma nibqax bil-ġuħ (bħal fil-parabbola tal-Iben il-Ħali f'Luqa 15). Tikkonverti jiġifieri



tikkonvinċi ruħek li huwa għand Ġesù li trid tmur ... jgħid x'jgħid ħaddieħor; huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi li se ssib madwarek; huma x'inhuma l-preġudizzji li jdawruk (il-Mara l-Midinba f'Luqa 7).

La ried jagħmel dan il-pass, Żakkew "*Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi.*"

"Għalhekk", jiġifieri mhux biss għax kien qasir, imma wkoll għal dak il-għan li jara Ġesù min kien. Żakkew kien ta' statura qasira (anke metaforikament – kien żgur imbaxxi min-nies minħabba xogħolu; min jaf kemm kienu jobżqulu meta kien ikun għaddej, min jaf kemm botti, kemm kliem ħażin, min jaf kemm xtaqulu deni ... u l-istatura tiegħu quddiem in-nies dejjem tiċkien). U hu fittex ripetutament jara Ġesù min

kien, dan ir-raġel ta' statura hekk kbira. F'Luqa 8,35-43, waqt li Ġesù kien riesaq lejn Ġeriko, kien għadu kemm ta d-dawl lil raġel agħma. Minħabba x-xogħol tiegħu, żgur li Żakkew kien diġà ra li iktar ma jiġu nies lejn il-belt, iktar hemm ċans jiġbor flus f'taxxi. Żgur li kien diġà sema' b'Ġesù u bl-istatura kbira tiegħu li anke jfejjaq lill-għomja. Allura ġera 'l quddiem, biex ikun jista' jara lil Ġesù u jara min kien tassew ... ried jaffaċċjah, jara wiċċu, jarah billi hu jħares lejn wiċċu, jiġi wiċċ imb wiċċ miegħu. Żakkew jagħmel ***it-tieni pass*** fil-konverżjoni tiegħu: ħa l-passi konkreti: ġera 'l quddiem u tela' mas-siġra biex jegħleb il-limitazzjonijiet tiegħu u jilħaq l-għan tiegħu li jara lil Ġesù. Kemm indumu nilagħbu aħna kultant mal-konverżjoni: ma naqbadx u niddeċiedi! Ma naqbadx u naqta'. Ma naqbadx u nieħu passi konkreti! Illum. Issa. Żakkew, l-innoċenti (forsi ironikament), ried jagħmel il-kontijiet miegħu nnifsu: għaliex jien dejjem niċkien fl-istatura f'għajnejn in-nies, u dan il-bniedem dejjem jikber? Għaliex? Min hu? X'għandu differenti? Żakkew b'deċiżjoni soda (ġera 'l quddiem, mhux kaxkar saqajh, ma qalx: u iva, imbagħad narah għada, forsi jerġa' jgħaddi ...) ried jagħmel il-kontijiet mal-verità. U bdiet il-konverżjoni tiegħu!

Tela' ma' tina selvaġġa ... siġra li ma kinitx tagħmel frott li għalih kienet magħrufa Ġeriko. Dik is-siġra ma kinitx tagħtih qligħ f'xogħolu. Żakkew kien determinat li jiffaċċja s-sitwazzjoni personali ... u ma ħax mezzi miżuri. Kien determinat u ħa l-miżuri kollha sħaħ u b'deċiżjoni impressjonanti. Nimmaġinaw kemm botti meta n-nies jaraw bniedem li xogħolu kien daqstant mibgħud jixxabbat ma' siġra!

Żakkew għamel hekk "għax minn hemm *kellu jgħaddi* ("dierkheto" fil-Grieg)". Luqa juża l-istess verb fil-Grieg għal Ġesù li jgħaddi minn nofs Ġeriko. Fil-v.1 Luqa jgħid li Ġesù kien għaddej min-nofs Ġeriko, qisu bla ħsieb li jieqaf; issa jgħaddi minn ġo nofs il-ħajja ta' Żakkew ... biex jieqaf waħda sew!

Ikompli jirrakkonta Luqa: "*Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: 'Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek.'*"



Il-verb *anablépsas* fil-Grieg jista' jfisser żewġ affarijiet: jew 'ħares 'il fuq' jew 'reġa' ħares'. Ħares 'il fuq għax Żakkew kien fil-għoli tat-tina selvaġġa. Reġa' ħares jekk kien għarrex għal Żakkew iktar minn darba, kif Żakkew kien ipprova ripetutament jara Ġesù min kien. It-tfittxija ta' Żakkew kienet ilha li bdiet ... u dik ta' Ġesù ukoll!

"Isa" ... int ilek tipprova tara min jien; ilek li bdejt il-konverżjoni tiegħek (għax min ifittex lil Alla jkun diġà sabu!) ... u jien ukoll ili ngħarrex għalik. Issa ż-żmien tat-tfittxija għadda; issa l-mument li sibna lil xulxin!

"Inżel minn hemm" ... jekk jinżel, l-istatura ta' Żakkew se ssir daqs dik ta' Ġesù, u ta' Ġesù daqs dik tiegħu. Se jkun jista' jħares lejn Ġesù mhux mill-għoli imma wiċċ imb wiċċ. U anke Ġesù. Żakkew kien ilu li beda jfittex lil Ġesù, u anke Ġesù kien ilu li beda jfittex lil Żakkew. Issa jistgħu jħarsu f'għajnejn xulxin. Issa jistgħu jiffaċċjaw il-verità f'xulxin. Fil-Mara l-Midinba Ġesù ma rax il-flixkun tal-fwieħa minn barra: ra l-fwieħa ta' ġewwa l-flixkun. F'Żakkew Ġesù ma rax ir-raġel qasir fl-istatura fiżika: ra r-raġel li kien ilu jfittex li jara min kien hu. Ġesù f'Żakkew ra raġel li ried b'determinazzjoni jiffaċċja r-realtà fuqu nnifsu, li ried jiffaċċja l-verità, li hi Ġesù nnifsu!

"Illum" ... f'Luqa tfisser li s-salvazzjoni hija *readily available*, waslet ("Illum tweldilkom Salvatur" (Luqa 2,11); "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu" (4,21); "Illum stess tkun il-ġenna miegħi" (23,43). Illum huwa l-mument dejjiemi tas-salvazzjoni.

"Jeħtieġli" huwa l-verb importanti ħafna f'Luqa tan-neċessità, tal-ħtiega ta' Alla. "Jeħtieġli nkun f'dak li hu ta' missieri" (Luqa 2,49); "Bin il-Bniedem jeħtieġ li jbati, jkun miċħud ..." (9,22); "Jeħtiġilna naħbtu ma' gżira" (27,26) ...

"Noqgħod għandek", mhux ngħaddi għal kikkra tè u biċċa kejk biss; jeħtieġli noqgħod (u nibqa' għandek) fit-tul, minn issa 'l quddiem, għal dejjem.

Ir-reazzjoni ta' Zakkew għall-istedina tiegħu nnifsu ta' Ġesù kienet: "*Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu.*"

Niżel bla telf ta' żmien; hekk kif tela' jiġri biex ifittex min kien Ġesù, issa li sabu, issa jinżel jiġri. Ma jimpurtax li ma għadux fi statura ogħla minn ta' Ġesù; issa jaf li se jiffaċċja lil Ġesù, lil dak li ried ikun jaf min kien. Issa se jiffaċċja lilu nnifsu ... u allura m'hemmx għalfejn ikun fil-għoli.

"Kollu ferħan" ... il-ferħ tas-salvazzjoni diġà kisbu Żakkew ... bħalma l-Mara Midinba kienet taf li kisbet il-maħfra qabel ma marret għand Ġesù. Il-ferħ tal-maħfra, tas-salvazzjoni. *ħupedéksato autòn kaírôn*: il-Grieg jagħmel enfasi fuq l-attitudni ta' Żakkew: laqgħu għandu kollu ferħan. Żakkew jagħmel ***it-tielet pass*** fil-konverżjoni tiegħu: 1) l-ewwel kien jixtieq jara min kien Ġesù; 2) imbagħad ħa l-passi konkreti: ġera 'l quddiem u

telaʼ mas-siġra biex jegħleb il-limitazzjonijiet tiegħu u jilħaq l-għan tiegħu li jara lil Ġesù. 3) Issa jilqaʼ għandu lil Ġesù. U bla telf taʼ żmien, għax il-passi konkreti għall-konverżjoni ma jippermettux kompromessi, ma jippermettux tlajjar, ma jippermettux posponimenti, ma jippermettux *self-complacency*, "għada ... u għalissa ... u mbagħad ... imma ... min jaf? ....."

Taʼ min jinnota ħaġa importanti. X'kundizzjonijiet għamel il-Missier lil Ibnu ż-Żgħir biex jerġaʼ jaċċettah lura? X'kundizzjonijiet għamel il-Missier lil Ibnu l-Kbir biex jirranġa miegħu? X'kundizzjonijiet għamel Ġesù lill-Mara l-Midinba biex jaħfrilha? X'kundizzjonijiet għamel Ġesù lil Żakkew biex jidħol għandu? L-ebda! Xejn!

Jekk ir-reazzjoni taʼ Zakkew kienet daqstant sabiħa, mhux hekk dik tan-nies taʼ madwar: "*In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ.*" In-nies ... kawża tal-istatura qasira (metaforika) taʼ Żakkew; kawża aktarx għaliex Żakkew ma ltaqax qabel maʼ Ġesù; kawża taʼ ħafna posponimenti tagħna. Ma kinux kawża għall-Mara l-Midinba. Ma kinux kawża għal dak li setgħu jgħidu għall-Iben iż-Żgħir. Għaliex għandhom ikunu kawża għalina?

"In-nies, meta rawh", bħalma xtaq jara lil Ġesù Żakkew; bħalma ra lil Żakkew Ġesù. Għaliex in-nies rawh b'mod differenti? Għaliex aħna naraw in-nies b'mod differenti minn kif jarahom Ġesù?

"Bdew igergru" ... mhux għax is-sħana, mhux għax qabeż il-kju .... Verb ieħor fl-imperfett ... mhux darba, mhux dik id-darba biss! It-tgergir fl-Iskrittura jfisser toħodha kontra Alla għall-għażliet li jagħmel: Aron u Marija, ħut Mosè, igergru għal Alla għax għażel lil Mosè biex ikun il-profeta tiegħu (Num 12,2). Toħodha kontra Ġesù jfisser tgerger kontra Alla: "Għamilt żball li għażilt lil dak bħala aġent tas-salvazzjoni tiegħek, aħna konna nagħmlu aħjar, aħna nafu iżjed minnek. Ma kienx messek għamilt hekk! Aħna profeti aktar minnek għax indunajna li dik mara midinba magħrufa! Aħna kieku ma konniex nidħlu għand wieħed midneb, biex jikkonverti. Aħna mmorru biss għand in-nies tajba biex jikkonvertu!"

L-ewwel Ġesù jidħol Ġeriko (*eiselthôn*) u jkun għaddej min-nofsha (*diērchetai*); imbagħad Żakkew jitlaʼ fuq is-siġra għax minn hemm Ġesù kien se jgħaddi (*diérchesthai*). Issa n-nies igergru għax Ġesù "jidħol jistrieħ (*eisēlthen katalusai*)" għand Żakkew. Il-verb "jistrieħ" huwa l-verb li minnu hu meħud in-nom "lukanda" fit-twelid taʼ Ġesù: ma kienx hemm post għalihom "fil-lukanda – *katáluma*" u fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb: "għabbieh fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda". Mela għax Żakkew ma għamilx bħan-nies taʼ Betlehem, għax għamel bħas-Samaritan it-Tajjeb, gergru għal Ġesù! Anzi l-verb huwa

qawwi ħafna, għax letteralment ifisser tħoll it-tagħbija għal mal-lejl, bħalma kienu jagħmlu lill-bhejjem tagħhom fil-vjaġġi, meta kienu jżarmawlhom it-tagħbija minn fuqhom biex jistrieħu mal-lejl. Ma kinitx waqfa għal tè! U Ġesù qisu neħħa minn fuqu tagħbija kbira meta daħal għand Żakkew.

"*Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed.*"

Waħda mill-kawżi għaliex Żakkew kien raġel ta' statura qasira metaforikament, kienet in-nies. Issa, malli Ġesù daħal għandu jistrieħ u qisu ħall it-tagħbija minn fuqu, Żakkew qam wieqaf: kien ta' statura qasira u issa qam wieqaf, għax quddiem Ġesù nistgħu nkunu aħna, min aħna tassew. U Żakkew proprjament kien jismu "innoċenti". Żakkew iqum u jagħmel stqarrija li proprjament mhix stqarrija ta' ħtijietu imma stqarrija ipotetika: "għal li jista' jkun" – "jekk sraqt lil xi ħadd". Fil-Grieg, Żakkew jagħmel kundizzjoni ipotetika: jekk, għal li jista' jkun … jekk sraqt lil xi ħadd. Żakkew qiegħed jgħid li jekk għamilha, ma għamilhiex għax ried, imma jekk isib li kien involut f'xi ħaġa hekk, se jrodd lura bil-kbir, erba' darbiet iktar. ***Ir-raba' pass*** ta' Żakkew lejn il-konverżjoni: 4) jinqata' mill-passat u jagħmel it-tajjeb, bħala sinjal ta' dak il-qtugħ mill-passat.

"*Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham.*"

Is-salvazzjoni daħlet għax daħal Ġesù; imma Ġesù daħal għax Żakkew laqgħu għandu. "Illum" mill-ġdid tfisser ir-*ready availability* tas-salvazzjoni. La Żakkew huwa bin Abraham, huwa Lhudi, imma fuq kollox għax hu emmen bħal Abraham fil-wegħda ta' Alla. Għalkemm ta' statura qasira, xorta emmen. U l-fidi tiegħu xxebbhu ma' Abraham.

"*Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf.*"

Il-*punch line* tal-istorja: Bin il-bniedem ġie "jfittex" ... bħalma Żakkew kien ilu jfittex li jara min kien Ġesù. Ġie jfittex u jsalva; ġie jfittex biex isalva. La Żakkew kien ilu jfittex li jara min kien Ġesù, ifisser li Żakkew kien ilu jfittex is-salvazzjoni. La Żakkew kien ilu jfittex li jara min kien Ġesù, issa ra min kien tassew: dak li jfittex *biex* isalva. Dak li kien mitluf għax f'għajnejn in-nies kien publikan u midneb (għax kienu jiġu identifikati), dak li kien tant qasir fl-istatura, issa ġie Ġesù nnifsu biex ifittxu ħa jsalvah. Kollox inizjattiva ta' Ġesù: ifittex u jsalva, ifittex biex isalva. Żakkew ifittex li jara min kien Ġesù, issa Ġesù mhux biss iħares 'il fuq u jsibu, imma ġie jfittxu biex isalvah. Il-konverżjoni ta' Żakkew issa hi kompluta. Żakkew kien il-mitluf, issa hu salvat minn Ġesù.



# DOMINUS FLEVIT IL-POST FEJN ĠESÙ BEKA FUQ ĠERUSALEMM

***Rosario Pierri ofm***

***Studium Biblicum Franciscanum***

Traduzzjoni ta' artiklu tal-professur Rosario Pierri ofm, *Dominus Flevit. Where the Lord Wept*, fir-rivista *The Holy Land Review*, New Series, Volume 5, No. 1 (2012), 36-39.

Mill-knisja ta' "Dominus Flevit" wieħed għandu veduta stupenda fuq Ġerusalemm, imma mhux minħabba l-panorama wiesgħa tagħha. Fil-fatt jekk il-pellegrin jitla' aktar fil-għoli fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, il-panorama tal-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm magħluqa fis-swar li jdawwruha hi aktar wiesgħa.

Dak li jrendi unika l-knisja ta' "Dominus Flevit" mhix il-pożizzjoni tagħha, imma l-possibilità li wieħed jara lil Ġerusalemm mill-intern tal-knisja mit-tieqa kbira tal-ferro battuto li fiha xbieha ta' kalċi fiċ-ċentru, li hu simbolu tal-għotja ta' Ġesù lid-dinja.

Fl-intenzjoni tad-disinjatur tat-tieqa din kellha sservi mhux biss biex iddawwal il-knisja l-aktar wara nofsinhar meta x-xemx tinżel lejn il-punent. It-tieqa kbira wara l-altar kellha skop ieħor: li tfakkar fis-simboliżmu tal-kalċi bl-ostja fuqu l-avveniment li ta' kuljum jiġi ċċelebrat fuq l-altar. Meta wieħed iħares fit-tul lejn it-tieqa jara kif din tirrivela kompożizzjoni ta' ferħ fuq livell artistiku b'tifsira storika u teoloġika.

Ir-riflessjoni hi sempliċi imma mimlija tifsir. Toffri tifsira doppja. Ġerusalemm tifforma l-isfond għall-misteru tal-Ewkaristija bħallikieku dan hu iffissat fiż-żmien fil-mument tal-istituzzjoni tas-sagrament tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Il-Belt il-Qaddisa tibqa' t-teatru tal-ġrajjiet storiċi li huma ċentrali għall-ħajja ta' Ġesù, u l-aktar dawk marbutin mal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu mill-imwiet. Fuq livell ta' qari Kristjan, hi l-Ewkaristija li tagħti lil Ġerusalemm dimensjoni differenti, dik tal-viżjoni antiċipata ta' Ġerusalemm il-ġdida li għad tinżel mis-sema.

Min jaf jekk, matul iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-knisja ta' "Dominus Flevit", din il-viżjoni universali tinħassx ukoll mill-fidili meta jlissnu l-kelmiet ta' wara l-konsagrazzjoni: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej; inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek; nistennewk sa ma tiġi fil-glorja."

Il-knisja ta' "Dominus Flevit", iżda, mhijiex is-santwarju li jfakkar l-Aħħar Ikla tal-Mulej. Hu ċ-Ċenaklu s-santwarju li hu marbut ma' din it-tifkira.

"Dominus Flevit" tfisser "il-Mulej beka." Fi kliem ieħor, "il-post li fih il-Mulej beka" fuq Ġerusalemm. Is-santwarju hu marbut mal-episodju li jirrakkonta l-evanġelista Luqa 19,37-44:

"Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-kotra kollha tad-dixxipli bdiet tfaħħar lil Alla b'għajat ta' ferħ u b'leħen għoli għall-għeġubijiet kollha li kienu raw, u bdew jgħidu: 'Mbierek is-Sultan li ġej f'isem il-Mulej! Sliem fis-sema, u glorja fl-ogħla tas-smewwiet!' Xi wħud mill-Fariżej li kienu qalb il-folla qalulu: 'Mgħallem, ċanfarhom lid-dixxipli tiegħek.' Iżda hu weġibhom u qal: 'Ngħidilkom li, jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel.'

Wasal qrib il-belt u, kif raha, beda jibkiha u jgħid: 'Mhux li għaraf imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk! Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħlquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħa; u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek!'"

Jekk xi ħadd jixtieq isir jaf ir-raġuni għaliex dan is-santwarju jinsab f'dan il-post wieħed irid imur lura fiż-żmien. Ġesù ħareġ minn Ġeriko u kien tiela' lejn Ġerusalemm. Meta wasal Betfaġe u Betanja, hu bagħat lid-dixxipli biex iġibulu felu ta' ħmar biex jirkeb fuqu ħalli jidħol Ġerusalemm. B'hekk Ġesù għamel id-daħla messjanika tiegħu fil-Belt il-Qaddisa. Il-versett ta' San Luqa jgħid: "Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ" (Lq 19,37). Hi impressjonanti x-xena tad-dixxipli li jfaħħru lil Ġesù. Imma kienu biss id-dixxipli li kienu qegħdin ifaħħruh, u mhux l-oħrajn, inklużi l-Fariżej. Dan kollu jispjega t-toqol u n-niket li

Ġesù ħass f'qalbu dak il-ħin. Dan in-niket Ġesù jesprimih bil-kliem ta' lamentazzjoni fuq Ġerusalemm. Is-santwarju tal-"bikja" ta' Ġesù inbena aktar tard fi żmien il-perjodu tal-Kruċjati.

Fil-5 seklu, matul l-era Biżantina, fil-post fejn illum hemm il-knisja ċkejkna minbija fl-1955 mill-arkitett Antonio Barluzzi diġà kien hemm knisja. Jekk nibbażaw ruħna fuq diversi interpretazzjonijiet ta' fdal ta' skrizzjoni, nidħlu fid-diskussjoni dwar jekk din il-knisja kinetx iddedikata lill-profetessa An(*na*), msemmija f'Lq 2,36, jew inkella, kif x'aktarx hu l-każ, kinetx parti minn proprjetà ta' monaċi li kienu għas-servizz tal-An(*astasis*), jiġifieri l-Qabar ta' Kristu. Huma interessanti ħafna l-fdalijiet ta' mużajċi fil-paviment tal-knisja. Fihom insibu l-iskrizzjoni bil-Grieg: "Xmun, ħabib ta' Kristu, bena u żejjen l-oratorju ("euktenon") u offrih lil Sidna Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietna u bħala l-post fejn jistrieħu l-aħwa tagħna, l-Abbati Ġorġ u l-ħabib ta' Kristu Domezio" (interpretazzjoni tal-arkeologu Franġiskan Bellarmino Bagatti ofm).

Matul il-ħakma Għarbija hawnhekk inbniet moskea fuq il-fdalijiet tal-knisja Biżantina. Il-moskea kienet tissejjaħ il-Moskea tar-Rebbieħ ("El Mansouriyeh"), li reċentement reġgħet inbniet fi triq inqas magħrufa tal-istess Għolja taż-Żebbuġ. Il-knisja ta' "Dominus Flevit" inbniet fuq art li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa akkwistat fl-1940.

"Dominus Flevit" tinsab nofs triq fit-telgħa li mill-



Bażilika tal-Ġetsemani titla' lejn il-Għolja taż-Żebbuġ (meta nieħdu bħala punt ta' riferiment il-Ġetsemani u mhux il-Wied taċ-Ċedron. Din iż-żona kienet magħrufa sa mill-qedem bħala żona ċimiterjali. B'hekk ma kien hemm l-ebda sorpriża meta fl-iskavi li Patri Bellarmino Bagatti tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* għamel bejn l-1953 u l-1955 instabet nekropoli (belt tal-mejtin, ċimiteru) li kienet tintuża mis-sena 136 q.K. sas-sena 300 w.K. Din in-nekropoli nstabet flimkien ma' raħal ta' żmien il-Bronż u rovini Biżantini.

Fl-20 kamra li kienu jiffurmaw in-nekropoli nstabu ħafna osswarji u xi sarkofagi l kellhom fuqhom disinni ta' fjuri u riproduzzjonijiet ta' dwieli. Is-sejbiet kienu ħafna aktar minn dak li kienu stennew l-arkeoloġi. L-iskavi ta' "Dominus Flevit" baqgħu magħrufin fl-istorja tal-iskavi tal-Art Imqaddsa u tal-Kristjanità minħabba s-simboli u l-ismijiet imnaqqxin u ddisinjati fuq dawn l-osswarji.

Flimkien mal-fdalijiet arkeoloġiċi dawn l-osswarji huma xhieda miktuba, imnaqqxa fil-ġebel għall-ġenerazzjonijiet futuri, tal-preżenza f'Ġerusalemm ta' Nsara tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni. Il-fdalijiet tagħhom ġew midfunin f'dan il-post fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, li skont il-fidi Kristjana f'dak iż-żmien kif ukoll skont it-twemmin





reliġjuż tal-Lhud Ortodossi tallum, kien ix-xaqliba tal-lvant tal-Wied ta' Ġosafat (Wied taċ-Ċedron).

Skont interpretazzjoni biblika kemmxejn imġebbda, dan hu l-post taż-żewġ profeziji tal-Profeta Ġoel (4,2; 4,12) dwar fejn kellu jseħħ il-Ġudizzju Finali. Biżżejjed infakkru l-ewwel profezija: "Jiena niġbor il-ġnus kollha, u nniżżilhom fil-Wied ta' Ġosafat; hemmhekk nagħmel ħaqq minnhom minħabba f'Israel, il-poplu u l-wirt tiegħi, li huma xerrdu fost il-ġnus, u għax il-pajjiż tiegħi qassmuh bejniethom."

Ġosafat tfisser "Alla jiġġudika" imma l-profeta x'aktarx kien qed jitkellem b'mod simboliku dwar il-post tal-ġudizzju u dan mhux neċessarjament jindika post ġeografiku.

Dawn is-simboli fuq l-osswarji ġew studjati minn Patri Bellarmino Bagatti u Jozef Milik. Huma mnaqqxin fuq il-ġnub tal-osswarji forom ta' slaleb, l-ittra "tau", monogrammi Kostantinjani, u xi 40 skrizzjoni bl-Ebrajk, Aramajk u Grieg. Hemm ukoll ismijiet li nsibhom fit-Testment il-Ġdid, bħalma ngħidu aħna Marija, Marta, Philo, iċ-Ċirinew, Mattew, Ġużeppi u Ġesù. Bagatti u Milik, quddiem din l-evidenza,



ikkonkludew li din in-nekropoli kienet post tad-dfin għall-Kristjani Lhud.

Iż-żjara ta' "Dominus Flevit" hi għaldaqstant mogħnija b'xhieda storika li għandha importanza kbira għall-Insara. Dawn l-osswarji u l-ismijiet tagħhom ifakkruna fir-rabta kontinwa li tgħaqqad il-fidi tad-dixxipli ta' Ġesù ma' dik tal-Insara tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni li kienu jgħixu fl-Art Imqaddsa u għall-Insara tal-ġenerazzjonijiet li ġew wara.

Bħala sinjal li tmissu b'idejk ta' din il-kontinwità ta' tradizzjoni nsemmu d-drawwa li l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa, mit-tieni Erbgħa tar-Randan, iżuru u jiċċelebraw l-Ewkaristija f'xi santwarji marbutin mat-tifkiriet tal-Passjoni ta' Kristu fiż-żona ta' Ġerusalemm. Dawn il-pellegrinaġġi, immexxijin mill-Franġiskani, jieħdu sehem fihom l-Insara lokali, kif ukoll reliġjużi oħrajn u pellegrini. Is-santwarji ta' "Dominus Flevit" hu l-ewwel wieħed li jżuru l-Franġiskani f'din il-mixja spiritwali tar-Randan. Il-qari tal-Quddiesa li tiġi ċċelebrata f'din l-okkażjoni huma ċċentrati fuq il-versetti li jitkellmu mill-bikja ta' Ġesù fuq Ġerusalemm. Hu tassew don ta' grazzja li wieħed jisma' dawn il-kelmiet f'din il-knisja ċkejkna filwaqt li jħares lejn Ġerusalemm mit-tieqa kbira li f'nofsha hemm il-kalċi.

Il-Belt il-Qaddisa donnha tidher trasfigurata u l-fatt li ċaħdet li tirrikonoxxi lil Ġesù bħala l-Messija jidwi fil-kliem tal-Profeta Ġeremija: "Agħtu glorja lill-Mulej, qabel ma jidlam u qabel ma jitfixklu riġlejkom fuq il-muntanji bejn dawl u dlam. Intom tistennew id-dawl imma hu jibdlu fis-swied, sa ma jagħmlu dlam. Jekk intom ma tisimgħux, nibki mqar bil-moħbi minħabba kburitkom. Għajnejna jdemmgħu u jxerrdu d-dmugħ, għax eżiljaw il-merħla tal-Mulej" (Ġer 13,16-17).



# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani - 2012

## Art Imqaddsa
## 5 Awwissu – 13 Awwissu

## Art Imqaddsa u Sinaj
## 4 Novembru – 14 Novembru


**Ikteb jew ċempel:**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt